# OPINJONI TAL-AVUKAT ĠENERALI NJÄÄSKINEN ippreżentata fl-4 ta' Ottubru 2010[1]

## I — Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000[2], magħruf bħala r-"Regolament Brussell IIa".

2. Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn B. Purrucker u G. Vallés Pérez fir-rigward tad-dritt ta' kustodja tal-ulied tewmin tagħhom M. u S. Vallés Purrucker, li xi elementi tagħha huma deskritti fil-punti 41 sa 43 tas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Lulju 2010 fil-Kawża C-256/09[3] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Purrucker I").

3. F'din is-sentenza, bi tweġiba għal domanda preliminari magħmula mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 21 *et seq* tar-Regolament Nru 2201/2003, dwar ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor, ma japplikax għal miżuri provviżorji infurzabbli, fil-qasam tad-dritt ta' kustodja, li jaqgħu taħt l-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament.

4. Din il-kawża tikkonċerna l-istess partijiet u d-dritt ta' kustodja tal-istess ulied, iżda l-Qorti tal-Ġustizzja hawnhekk hija mistiedna mill-Amtsgericht Stuttgart (il-Ġermanja) tiddeċiedi dwar il-kriterji għad-determinazzjoni tal-qorti li l-ewwel tressqet kawża quddiemha fis-sens tal-Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament Nru 2201/2003. Madankollu, din il-kwalifika hija essenzjali, peress li jirriżulta tip ta' ġerarkija bejn il-qrati li jista' jkollhom ġurisdizzjoni, bil-prijorità li tingħata lil dik li l-ewwel tressqet kawża quddiemha għad-dannu tat-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha.

5. Skont it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tesponi li l-partijiet fil-kawża prinċipali ma jaqblux dwar il-kwistjoni li jsiru jafu jekk il-qorti Ġermaniża, li B. Purrucker ressqet kawża quddiemha fil-21 ta' Settembru 2007, għal kisba ta' miżuri fuq il-mertu fil-qasam tad-dritt ta' kustodja ta' binha M., hijiex

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243.
3 — Sentenza tal-15 ta' Lulju 2010, Purrucker (C-256/09, Ġabra p. I-7353).

"it-tieni qorti li ħadet il-pussess" fis-sens tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003, meta mqabbla mal-qorti Spanjola li G. Vallés Perez ressaq talba quddiemha għall-miżuri provviżorji biss, fit-28 ta' Ġunju 2007, għall-kisba ta' miżuri provviżorji fil-qasam tad-dritt ta' kustodja, u li minn din il-proċedura fuq il-mertu ġiet ippreżentata fix-xahar ta' Jannar 2008 talba ta' G. Vallés Pérez.

6. Din il-kawża tenfasizza li, anki jekk is-sistema legali tal-*lis alibi pendens* li tista' tinqala' bejn il-qrati ta' Stati Membri differenti hija ddefinita mill-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003, dan it-test ma jispeċifikax liema tipi ta' kunflitt ta' proċedura jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna, fil-fehma tiegħi għall-ewwel darba, tiddeċiedi fuq il-kunċett ta' "*lis* [*alibi*] *pendens*" fis-sens tal-Artikolu 19(2) ta' dan ir-regolament, fil-każ ta' tressiq ta' talba għal miżuri provviżorji u ta' rikors kunfliġġenti fuq il-mertu dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. B'mod partikolari, hemm dubju kif il-kunċetti awtonomi li jinsabu f'dan ir-regolamenti jikkoordinaw mar-regoli proċedurali nazzjonali li jiddistingwu t-tipi differenti ta' kawżi intiżi għall-għoti ta' miżuri provviżorji li għandhom natura provviżorja u dawk intiżi għall-kisba ta' deċiżjoni fuq il-mertu. Barra minn dan, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003 u dawk tal-Artikoli 20 u 21 tal-istess regolament.

## II — Il-kuntest ġuridiku

7. Qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 2001/2003 [4], il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kien stabbilixxa, b'att tat-28 ta' Mejju 1998, abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali [5] (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell II"). Din il-konvenzjoni ma daħlitx fis-seħħ. Sa fejn it-test ta' din il-konvenzjoni ispira t-test tar-Regolament 2001/2003, ir-rapport ta' spjegazzjoni dwar l-imsemmija konvenzjoni [6], miktub minn A. Borrás (iktar 'il quddiem ir-"rapport Borrás"), ġie invokat sabiex jgħin fl-interpretazzjoni ta' dan ir-regolament.

8. Ir-Regolament Nru 2201/2003 ġie ppreċedut mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1347/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri għall-ulied taż-żewġ konjuġi [7]. Ir-Regolament Nru 1347/2000 ġie rrevokat bir-Regolament Nru 2201/2003, li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa iktar wiesa'.

4 — Jiena nfakkar li deskrizzjoni dettaljata tal-istrumenti legali li kienu l-prekursuri tar-Regolament Nru 2201/2003 jinsabu fil-punti 30 sa 48 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston ippreżentati fil-Kawża C-256/09, magħruf bħala "Purrucker I", iċċitata iktar 'il fuq.

5 — ĠU C 221, p. 1.

6 — ĠU 1998, C 221, p. 27.

7 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 9, p. 209.

9. Il-premessi 12 u 16 tar-Regolament Nru 2201/2003 jistabbilixxu:

"(12) Ir-raġunijiet ta' l-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l ġenituri stabbiliti fir-Regolament preżenti huma fformati fi ħdan l-aqwa interessi għall-minuri, u partikolarment dwar il-kriterju ta' l-qrubija. Dan ifisser li l-ġurisdizzjoni għandha toqgħod l-ewwelnett ma' l-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' l-minuri, ħlief għal ċerti każijiet fejn hemm tibdil fir-residenza ta' l-minuri jew skond ftehim bejn dawk il-ġenituri li huma d detenturi tar-responsabilità.

[…]

(16) Dan ir-Regolament m'għandux jimpedixxi lill-qrati ta' xi Stat Membru milli jieħdu miżuri proviżorji, inkluzi dawk protettivi, f'każijiet urġenti, fir-rigward ta' persuni jew proprjetà li tinstab f'dak l-Istat."

10. L-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003 jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri billi jiddikjaraw li "japplika, tkun xi tkun in-natura ta' l-qorti jew tribunal, fi kwistjonijiet ċivili dwar […] l-attribuzzjoni, l-ezerċizzju, id-delegazzjoni, ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbilità ta' l-ġenituri". L-Artikolu 1(2) jippreċiża li dawn il-materji "partikolarment, jittrattaw fi:

a) drittijiet ta' kustodja u drittijiet ta' aċċess;

b) kuratura, tutela w istituzzjonijiet simili;

ċ) in-nomina u l-funzjonijiet ta' xi persuni jew korp li għandhom l-inkarigu ta' l-minuri jew ta' l-proprjetà, ir-rappreżentanza jew l-għajnuna ta' l-minuri;

d) it-tqegħid ta' l-minuri ma' familja tar-rispett jew f' kustodja stituzjonali;

e) il-miżuri għall-protezzjoni ta' l-minuri dwar l-amministrazzjoni, il-konservazzjoni u l-ħelsien ta' l-proprjetà tagħhom."

11. Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003, intitolat "Id-Definizzjonijiet":

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

1) Il-kelma 'qorti' għandha tkopri l-awtoritajiet kollha fl-Istati Membri bil ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt u li huma nkluzi fil-kompetenza ta' dan ir-Regolament skond l-Artikolu 1;

[…]

4) il-kelma 'sentenza' għandha tfisser divorzju, separazzjoni legali jew annullament taż-żwieġ, kif ukoll sentenza dwar ir-responsabbilità ta' l ġenituri, iddikjarata minn qorti ta' Stat Membru, hu x'inhu t-terminu li tista' tiġi msejjħa bih is-sentenza, inkluzi diġriet, ordni jew deċiżjoni;

[…]

7) il-kliem 'responsabbilità ta' l-ġenituri' għandhom ifissru d-drittijiet u r-responsabbilitajiet kollha dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' l-minuri li huma moghtija lil persuna jew persuna legali b'sentenza, bl-operazzjoni ta' l-liġi jew b'xi fteħim li għandu effetti legali. Il-kliem se jinkludu d-drittijiet ta' kustodja u d-drittijiet ta' l-aċċess;

[…]

9) il-kliem 'drittijiet ta' kustodja' għandhom jinkludu drittijiet u responsabbilitajiet dwar il-kura ta' l-persuna ta' l-minuri, u partikolarment id-drittijiet li jiddeterminaw il-post ta' residenza ta' l-minuri;

[…]"

12. L-Artikolu 8(1) ta' dan ir-regolament, li jirrigwarda "Il-Ġurisdizzjoni ġenerali" fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, jipprovdi:

"Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru fiż-żmien li l-qorti tkun ħadet il-pussess."

13. L-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi "Il-Kontinwità ta' l-gurisdizzjoni tar-residenza abitwali ta' qabel ta' l-minuri" fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

"Fejn minuri jiċċaqalqu legalment minn Stat Membru wieħed għall-ieħor u jakkwistaw residenza abitwali ġdida hemmhekk, il-qrati ta' l-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' qabel se, skond eċċezzjoni għall-Artikolu 8, iż-żomm il-ġurisdizzjoni matul perjodu ta' tlett xhur wara ċ-ċaqliqa għall-iskop ta' modifika ta' sentenza dwar drittijiet ta' aċċess maħruġa f'dak l-Istat Membru qabel il-minuri ġew imċaqalqin, fejn il-pussessur tad-drittijiet ta' aċċess skond is-sentenza dwar id-drittijiet ta' aċċess ikompli jkollu jew ikollha r-residenza abitwali fl-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' qabel, ta' l-minuri."

14. L-Artikolu 10 tal-istess regolament, li jirrigwarda "Il-Ġurisdizzjoni f'każijiet ta' ħtif ta' minuri", jiddisponi: "F'każ ta' tneħħija jew żamma nġusta ta' minuri, il-qrati ta' l-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment

residenti mmedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma nġusta għandhom iżommu l-ġurisdizzjoni sakemm il-minuri jakkwistaw residenza abitwali fi Stat Membru ieħor [...]".

15. L-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprovdi kawżi għall-proroga ta' ġurisdizzjoni bil-possibbiltà, suġġetta għall-aċċettazzjoni mill-partijiet li jressqu kawża quddiem qorti ta' Stat Membru li fih il-wild ma jkunx abitwalment residenti, jew minħabba li l-kwistjoni hija marbuta ma' proċedura għax-xoljiment tar-rabta taż-żwieġ li huwa fis-seħħ, jew minħabba li l-wild għandu rabta stretta ma' dak l-Istat Membru.

16. L-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament, li jirrigwarda "Il-ġurisdizzjoni ibbażata fuq il-preżenza ta' l-minuri", jistabbilixxi:

"1. Fejn ir-residenza abitwali ta' l-minuri ma tistax tiġi stabbilita u l-ġurisdizzjoni ma tistax tiġi ddeterminata dwar il-bażi ta' l-Artikolu 12, il-qrati ta' l-Istat Membru fejn il-minuri huma preżenti għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni.

2. il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għat- tfal li huma refuġjati jew tfal li huma nternazzjonalment spustati minħabba f'xi nkwiet f'pajjiżhom."

17. L-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 2201/2003, intitolat "Il-Ġurisdizzjoni residwa", jipprovdi li "Fejn ebda qorti ta' xi Stat Membru għandha l-ġurisdizzjoni skond l-Artikolu 8 sa 13, il-ġurisdizzjoni għandha tkun determinata, f'kull Stat Membru, mil-liġijiet ta' dak l-Istat."

18. L-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi li, taħt ċerti ċirkustanzi, jista' jkun hemm eċċezzjoni għar-regoli ta' ġurisdizzjoni previsti minn dan meta qorti ta' Stat Membru li miegħu wild għandu rabta partikolari hija f'post aħjar sabiex tinstema' l-kawża.

19. L-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 2201/2003, intitolat "Il-Pussess ta' Qorti", jiddisponi:

"1. Qorti għandha tiġi kkunsidrata li hija fil-pussess:

a) fiż-żmien li d-dokument li istitwixxa l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti jiġu ppreżentati l-qorti, dement li l-applikant ma naqasx/sitx sussegwentement milli jieħu/tieħu l-passi neċessarji li kienu dovuti li sabiex issir in-notifika fuq il-konvenut;

jew

b) jekk id-dokument għandu jiġi notifikat qabel ma jiġi ppreżentat il-qorti, waqt iż-żmien li jiġi riċevut mill-awtorità

responsabbli għas-servizz, dement li l-applikant ma jonqosx milli jieħu l-passi li kellu jieħu biex id-dokument jiġi ppreżentat il-qorti."

20. L-Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament Nru 2201/2003, li huwa intitolat "Lis [alibi] pendens u azzjonijiet dipendenti", jipprovdi:

"2. Fejn il-proċedimenti dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri dwar l-istess minuri [suġġett] u li tinkludi l-istess kawża [bażi ġuridika] se jidħru quddiem qrati fi Stati Membri differenti, it-tieni qorti li ħadet il-pussess għandha b'mozzjoni tagħha stess żżomm il-proċedimenti sakemm il-ġurisdizzjoni ta' l-ewwel qorti tiġi stabbilita.

3. Fejn il-ġurisdizzjoni ta' l-ewwel qorti li ħadet il-pussess tiġi stabbilita, it-tieni qorti bil-pussess għandha iċċedi l-ġurisdizzjoni favur dik il-qorti.

F'dak il-każ, il-parti li tkun ġabet il-kawza relevanti quddiem il-qorti li ħadet il-ta' l-pussess wara, tista' ġġib dik il-kawza quddiem il-qorti li ħadet ita' l-pussess l-ewwel."

21. L-Artikolu 20 tal-istess regolament, dwar "Il-Miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi", jiddisponi:

"1. F'każijiet urgenti, id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mhux se jħallu l-qrati ta' Stat Membru milli jieħu dawk il-miżuri provviżorji, inkluzi dawk protettivi fir-rigward ta' persuni jew assi f'dak l-Istat kif huma disponibbli taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru, anke jekk, taħt dan ir-Regolament, il-qorti ta' Stat Membru ieħor għandha l-ġurisdizzjoni nkwantu għas-sustanza ta' l-kwistjoni.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx jibqgħu japplikaw meta l-qorti ta' l-Istat Membru li għandha l-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament nkwantu għas-sustanza ta' l-kwistjoni, ħadet il-miżuri li dehrilha xierqa."

22. Skont it-termini tal-Artikolu 21(1), tar-Regolament Nru 2201/2003:

"Sentenza mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' ebda proċedura speċjali."

23. L-Artikolu 24 ta' dan l-istess regolament jippreċiża:

"Il-ġurisdizzjoni ta' l-qorti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini ma tistax tiġi riveduta. Il-prova ta' l-politika pubblika imsemmija fl-Artikoli 22(a) u 23(a) ma tistax ssir fuq ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni imsemmija fl-Artikolu 3 sa 14."

## III — Il-kawża prinċipali

A — *Il-fatti*

24. Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, mill-fatti msemmija fis-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq, u mill-proċess tal-kawża kkomunikat lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju li, f'nofs is-sena 2005, B. Purrucker, ċittadina Ġermaniża, marret tgħix fi Spanja ma' G. Vallés Pérez, ċittadin Spanjol mitwieled il-Ġermanja. Fil-31 ta' Mejju 2006, mir-relazzjoni tagħhom twieldu tewmin, M., tifel, u S., tifla, li twieldu qabel iż-żmien. G. Vallés Pérez irrikonoxxa lill-ulied. Minħabba li l-ġenituri jgħixu flimkien, huma għandhom, skont il-liġi Spanjola, dritt ta' kustodja konġunta. L-ulied għandhom ċittadinanza Ġermaniża u Spanjola.

25. Billi r-relazzjoni bejn B. Purrucker u G. Vallés Pérez iddeterjorat, B. Purrucker xtaqet tirritorna lejn il-Ġermanja ma' wliedha, filwaqt li G. Vallés Pérez inizjalment oppona. Fit-30 ta' Jannar 2007, il-partijiet laħqu ftehim quddiem nutar Spanjol li kellu jiġi approvat minn qorti sabiex ikun infurzabbli, li permezz tiegħu B. Purrucker għandha tmur tgħix il-Ġermanja flimkien mal-ulied [8].

26. Minħabba problemi ta' saħħa, il-wild S. ma setgħetx tħalli l-isptar fil-jum tat-tluq. B. Purrucker għalhekk telqet lejn il Ġermanja ma' binha, M. fit-2 ta' Frar 2007.

27. Hemm tliet proċeduri pendenti bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali:

— l-ewwel waħda, fi Spanja, għandha bħala suġġett l-għoti ta' miżuri provviżorji, mibdija minn G. Vallés Pérez. Jidher li, taħt ċerti kundizzjonijiet, din il-proċedura tista' titqies li hija proċedura fuq il-mertu li s-suġġett tagħha huwa l-għoti tad-dritt ta' kustodja tal-ulied M. u S.;

— it-tieni waħda, fil-Ġermanja, mibdija minn G. Vallés Pérez, li għandha bħala suġġett l-infurzar tas-sentenza tal-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de

8 — Ara l-klawżoli 2 u 3 ta' dan il-ftehim iċċitata fil-punt 28 tas-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq.

San Lorenzo de El Escorial (Spanja) (iktar 'il quddiem il-"Juzgado de Primera Instancia"), li tistabbilixxi miżuri provviżorji; din hija l-proċedura li fil-kuntest tagħha ngħatat is-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq, u

— it-tielet waħda, fil-Ġermanja, mibdija minn B. Purrucker, li għandha bħala suġġett l-għoti tad-dritt ta' kustodja fuq l-istess ulied; din hija l-proċedura li wasslet għal din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

B — *It-tliet proċeduri pendenti*

1. *Il-proċeduri mibdija fi Spanja minn G. Vallés Pérez għall-għoti ta' miżuri provviżorji dwar il-kustodja (u eventwalment għal deċiżjoni fuq il-mertu)*

28. G. Vallés Pérez beda, matul ix-xahar ta' Ġunju 2007, proċedura għall-finijiet tal-għoti ta' miżuri provviżorji u, b'mod partikolari, tad-dritt ta' kustodja tal-ulied, M. u S., quddiem il-Juzgado de Primera Instancia.

29. Permezz ta' sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, il-Juzgado de Primera Instancia kkunsidrat li għandha ġurisdizzjoni [9] u adottat miżuri urġenti u provviżorji [10], f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' kustodja tal-ulied. Din is-sentenza kienet is-suġġett ta' sentenza emendatorja tat-28 ta' Novembru 2007, fejn il-punt 1 tad-dispożittiv ġie emendat peress illi dan jagħti lill-missier id-"dritt ta' kustodja" u mhux iktar "id-dritt ta' kustodja konġunta".

30. Bid-digriet tat-28 ta' Ottubru 2008, il-Juzgado de Primera Instancia ħa pożizzjoni fir-rigward tal-kwistjoni "ta' l-ewwel qorti li ħadet il-pussess" fis-sens tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament Nru 2201/2003. Hija nnotat li kienet diġà tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni fis-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007 u fakkret id-diversi punti ta' fatt ta' rbit iċċitati f'din id-deċiżjoni. Hija indikat li fit-28 ta' Ġunju 2007, hija laqgħat it-talba għall-għoti ta' miżuri provviżorji ta' kustodja fir-rigward tal-ulied M. u S. Billi l-omm kienet ressqet kawża quddiem il-qorti Ġermaniża biss fix-xahar ta' Settembru 2007, il-Juzgado de Primera Instancia kkunsidrat li kienet "l-ewwel qorti li ħadet il-pussess", fis-sens tal-Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament Nru 2201/2003, u ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-kawża skont l-Artikolu 16(1) ta' dan ir-regolament.

9 — Ara l-motivazzjonijiet ta' din id-deċiżjoni ċċitata fil-punt 36 tas-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq.

10 — Ara s-siltiet ta' din id-deċiżjoni ċċitati fil-punt 37 tas-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq.

31. Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Jannar 2010, l-Audiencia Provincial de Madrid, sección 24a (Spanja), wara l-appell ta' B. Purrucker, ikkonfermat id-digriet tat-28 ta' Ottubru 2008. Il-qorti tal-appell qieset li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 2201/2003, li l-ewwel talba kienet it-talba għal miżuri provviżorji mressqa skont id-dritt Spanjol quddiem il-Juzgado de Primera Instancia, qabel it-talba mressqa quddiem il-qoti Ġermaniża. Min-naħa l-oħra, l-Audiencia Provincial de Madrid tikkunsidra li l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, invokat mill-appellanti, jekk applikabbli f'dan il-każ, ma jistabbilixxi l-ebda regola fil-qasam tal-ġurisdizzjoni u jikkonċerna biss l-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji biss f'każ ta' urġenza, filwaqt li l-ġurisdizzjoni, li kienet is-suġġett tal-kawża, għandu jkun determinat skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 19 ta' dan ir-regolament.

2. *Il-proċedura mibdija fil-Ġermanja minn G. Vallés Pérez għall-infurzar tas-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007 mogħtija mill-qorti Spanjola*

32. Din hija l-proċedura li wasslet għas-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq. G. Vallés Pérez fil-bidu eżiġa, fost l-oħrajn, l-għoti lura ta' ibnu M. u ppreżenta, bħala miżura kawtelatorja, rikors intiż li tiġi ddikjarata l-infurzabbiltà tas-sentenza mogħtija fit-8 ta' Novembru 2007 mill-Juzgado de Primera Instancia. Wara, huwa talab l-ewwel nett l-infurzar ta' din is-sentenza. Konsegwentement, l-Amtsgericht Stuttgart, permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Lulju 2008, u l-Oberlandesgericht Stuttgart (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2008 meħuda b'rikors, infurzaw is-sentenza tal-qorti Spanjola.

33. Wara rikors imressaq minn B. Purrucker, il-Bundesgerichtshof għamel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Bis-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq, hija rrispondiet li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 21 *et seq* tar-Regolament Nru 2201/2003, dwar ir-rikonoxximent ta' sentenzi mogħtija fi Stat Membru ieħor, ma japplikawx għal miżuri provviżorji fil-qasam tad-dritt ta' kustodja, li jaqgħu taħt l-Artikolu 20 tal-imsemmi regolament.

3. *Il-proċedura mibdija fil-Ġermanja minn B. Purrucker għall-għoti tad-dritt ta' kustodja*

34. Fil-21 ta' Settembru 2007, jiġifieri qabel ma ngħatat id-deċiżjoni msemmija iktar 'il fuq tal-Juzgado de Primera Instancia, permezz ta' rikors fuq il-mertu mressaq quddiem l-Amtsgericht Albstadt (qorti

tal-ewwel istanza ta' Albstadt, il-Ġermanja), B. Purrucker talbet li tingħata l-kustodja esklużiva tal-ulied M. u S. Din it-talba ġiet innotifikata lill-konvenut fil-kawża prinċipali fit-22 ta' Frar 2008 permezz ta' ittra rreġistrata b'dikjarazzjoni ta' riċevuta. Madankollu, huwa kien diġà ġie preċedentement informat b'din it-talba, hekk kif ukoll il-qorti Spanjola.

35. B'mod partikolari jirriżulta mid-deċiżjonijiet tal-25 ta' Settembru 2007 u tad-9 ta' Jannar 2008 tal-Amtsgericht Albstadt li, skont din il-qorti, it-talba ta' B. Purrucker ma kellha l-ebda ċans ta' suċċess. Fil-fatt, billi l-ġenituri ma kinux miżżewġin u ma kienx jidher li teżisti dikjarazzjoni ta' kustodja konġunta — l-ftehim notarili tat-30 ta' Jannar 2007 ma setax jiġi interpretat bħala li jikkostitwixxu tali dikjarazzjoni —, B. Purrucker kellha d-dritt ta' kustodja esklużiva fuq l-ulied, b'mod li deċiżjoni ta' għoti tad-dritt ta' kustodja ma kinitx meħtieġa. L-Amtsgericht Albstadt semmiet ukoll il-proċeduri pendenti fi Spanja.

36. Permezz ta' deċiżjoni parzjali tad-19 ta' Marzu 2008, l-Amtsgericht Albstadt b'mod partikolari ċaħħdet, fuq nuqqas ta' kompetenza, it-talba f'dak li jirrigwarda l-wild S. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata fil-5 ta' Mejju 2008 mill-Oberlandesgericht Stuttgart.

37. Permezz ta' deċiżjoni oħra tad-19 ta' Marzu 2008, l-Amtsgericht Albstadt issospendiet il-proċeduri ta' dritt ta' kustodja skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni dwar aspetti ċivili ta' ħtif internazzjonali ta' minuri, li ġiet iffirmata fil-25 ta' Ottubru 1980 fil-kuntest tal-konferenza ta' Den Haag tad-dritt internazzjonali privat (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980") [11]. Dawn il-proċeduri reġgħu ssokktaw fit-28 ta' Mejju 2008 fuq talba ta' B. Purrucker, minħabba li sa dik id-data, G. Vallés Pérez ma kienx talab għar-ritorn fuq il-bażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980. Ebda talba oħra ma ġiet ippreżentata sussegwentement.

38. Minħabba fit-talba għall-infurzar tas-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, imressqa minn G. Vallés Pérez, il-proċedura li tirrigwarda d-dritt ta' kustodja ġiet assenjata lill-Familiengericht (qorti tal-familja) tal-Amtsgericht Stuttgart, skont l-Artikolu 13 tal-liġi dwar l-infurzar u l-applikazzjoni ta' ċerti strumenti legali fil-qasam tad-dritt internazzjonali tal-familja (Gesetz zur Aus- und Durchführung bestimmter Rechtsinstrumente auf dem Gebiet des internationalen Familienrechts).

39. Fis-16 ta' Lulju 2008, B. Purrucker ressqet talba, fuq il-bażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, quddiem l-Amtsgericht Stuttgart, sabiex tikseb miżura

11 — L-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea huma partijiet kontraenti għal din il-konvenzjoni, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1983.

provvižorja li tagħtiha l-kustodja esklużiva ta' binha M., jew, sussidjarjament, id-dritt esklużiv li tiffissa r-residenza ta' dan il-wild.

40. Jirriżulta mill-proċess ikkomunikat lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju, li l-qorti Ġermaniża fix-xhur ta' Awwissu, ta' Settembru u ta' Ottubru 2008, l-Amtsgericht Stuttgart ppruvat diversi drabi, iżda mingħajr suċċess, tagħmel kuntatt mal-qorti Spanjola li diġà kienet adottat miżuri provvižorji f'din il-kawża, sabiex issir taf jekk kienx hemm proċedura fuq il-mertu pendenti fi Spanja.

41. Fit-28 ta' Ottubru 2008, l-imħallef tal-Amtsgericht Stuttgart adotta deċiżjoni li fiha ddeskriva l-passi meħuda permezz tal-maġistrat Spanjol ta' kuntatt u n-nuqqas ta' risposta minn naħa tal-Juzgado de Primera Instancia. Huwa talab lill-partijiet sabiex jipprovdu u jipprovaw, l-ewwel nett, id-data tat-talba għal miżuri provvižorji mill-missier fi Spanja, it-tieni nett, in-notifika tas-sentenza tal-qorti Spanjola, tat-8 ta' Novembru 2007, kif ukoll, it-tielet nett, it-tressiq tat-talba fuq il-mertu mill-missier fi Spanja u d-data tan-notifika ta' din it-talba lill-omm.

42. Fit-28 ta' Ottubru 2008, il-Juzgado de Primera Instancia adotta wkoll is-sentenza li l-kontenut tagħha huwa deskritt fil-punt 30 ta' din l-opinjoni.

43. Wara li stiednet lill-partijiet sabiex jieħdu pożizzjoni mill-ġdid, l-Amtsgericht Stuttgart adottat deċiżjoni, fit-8 ta' Diċembru 2008. Din issemmi d-digriet tal-Juzgado de Primera Instancia, tat-28 ta' Ottubru 2008, u tal-appell ippreżentat minn B. Purrucker kontriha. Hija ħasset li ma setgħetx hija stess tiddeċiedi fuq il-kwistjoni "ta' l-ewwel qorti li ħadet il-pussess", għaliex din taffettwa ċ-ċertezza legali billi żewġ qrati ta' Stati Membri differenti jistgħu jadottaw deċiżjonijiet kunfliġġenti. Il-kwistjoni għandha tiġi deċiża mill-qorti li qalet l-ewwel li għandha ġurisdizzjoni. Għaldaqstant, l-Amtsgericht Stuttgart iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 sakemm id-deċiżjoni tal-Juzgado de Primera Instancia ssir *res judicata*.

44. B. Purrucker ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-Amtsgericht Stuttgart. Fl-14 ta' Mejju 2009, l-Oberlandesgericht Stuttgart annullat id-deċiżjoni u bagħtet il-kawża quddiem l-Amtsgericht Stuttgart sabiex tadotta deċiżjoni ġdida. L-Oberlandesgericht Stuttgart qieset li qorti setgħet tistħarreġ hija stess il-ġurisdizzjoni tagħha u li l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jagħti lill-ebda qorti li quddiemha tressqet il-kawża l-ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tiddetermina liema kienet l-ewwel qorti li tressqet quddiemha l-kawża. L-Oberlandesgericht Stuttgart irrilevat li t-talba dwar id-dritt ta' kustodja, imressqa fi Spanja matul ix-xahar ta' Ġunju 2007 minn G. Vallés Pérez, tidħol fil-kuntest ta' proċedura intiża għall-għoti ta' miżuri provvižorji, filwaqt li t-talba dwar

id-dritt ta' kustodja, imressqa fil-Ġermanja fl-20 ta' Settembru 2007 minn B. Purrucker, tikkostitwixxi rikors fuq il-mertu. Dan ir-rikors u l-proċedura għall-għoti ta' miżuri provviżorji għandhom bħala suġġett kontroversji differenti jew talbiet differenti. Fejn xieraq, għandha tiġi ammessa l-eżistenza ta' kunflitt pożittiv ta' ġurisdizzjoni bejn żewġ qrati.

45. Permezz ta' digriet tat-8 ta' Ġunju 2009, l-Amtsgericht Stuttgart reġgħet talbet lill-partijiet jindikawlha f'liema stadju kienet tinsab il-proċedura mibdija fi Spanja u stednithom jieħdu pożizzjoni fuq il-possibbiltà li jagħmlu domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-determinazzjoni tal-ewwel qorti li quddiemha tressqet il-kawża, skont l-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

46. Fil-21 ta' Jannar 2010, l-Audiencia Provincial de Madrid iddeċidiet l-appell ippreżentat minn B. Purrucker permezz tas-sentenza msemmija fil-punt 31 ta' din l-opinjoni. Din is-sentenza ġiet ikkomunikata lill-Amtsgericht Stuttgart permezz ta' ittra mill-avukat Ġermaniż ta' G. Vallés Pérez.

## IV — Ir-rinviju preliminari

47. Permezz tad-deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2010 u ppreżentata fis-16 ta' Ġunju 2010 [12], l-Amtsgericht Stuttgart iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel dawn id-domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament [Nru 2201/2003] huma applikabbli fil-każ fejn l-ewwel tkun tressqet kawża quddiem qorti ta' Stat Membru minn waħda mill-partijiet fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri sabiex jinkisbu miżuri provviżorji biss u sussegwentement titressaq kawża quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor mill-parti l-oħra li titlob li tingħata deċiżjoni fuq il-mertu?

2) Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw ukoll meta deċiżjoni adottata fir rigward ta' proċeduri għal miżuri provviżorji separati fi Stat Membru ma tistax tiġi rikonoxxuta fi Stat Membru ieħor fis-sens tal-Artikolu 21 tar Regolament Nru 2201/2003?

12 — Jiġifieri f'data preċedenti għal dik tal-għoti tas-sentenza fil-kawża Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq, iżda sussegwenti għall-konklużjonijiet li l-Avukat Ġenerali Sharpston ppreżentat fl-20 ta' Mejju 2010, f'din il-kawża.

3) Talba għal miżuri provviżorji li titressaq quddiem qorti ta' Stat Membru għandha tiġi ekwiparata ma' talba għal deċiżjoni fuq il-mertu fis-sens tal Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 meta d-dritt proċedurali nazzjonali ta' dan l-Istat jipprovdi li, sabiex jiġu evitati żvantaġġi tad-dritt proċedurali nazzjonali, għandha titressaq kawża quddiem l-imsemmija qorti, fi żmien determinat, sabiex tingħata deċiżjoni fuq il-mertu?"

48. Insostenn tat-talba tagħha għal domandi preliminari, il-qorti tar-rinviju tesponi għaliex hija tal-fehma li ma hemm l-ebda dubju raġonevoli dwar il-fatt li iben il-partijiet, M., kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-Ġermanja fid-data tal-21 ta' Settembru 2007, meta ġiet imressqa t-talba għall-għoti tal-kustodja tiegħu minn B. Purrucker.

49. Skont din il-qorti, il-Juzgado de Primera Instancia ma kellhiex, fuq il-bażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, ġurisdizzjoni mingħajr interruzzjoni sal-21 ta' Settembru 2007 billi l-membri tal-familja qabel kellhom ir-residenza abitwali komuni tagħhom fi Spanja, għaliex la huwa kredibbli u lanqas huwa ppruvat li t-tneħħija ta' iben il-partijiet, mir-rikorrenti, minn Spanja lejn il-Ġermanja kien illegali.

50. L-Amtsgericht Stuttgart tfakkar li skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 2201/2003, qorti għandha titqies li tkun tressqet kawża quddiemha mid-data li fiha l-att promotur huwa ppreżentat fil-qorti, sakemm ir-rikorrent ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex l-att jiġi nnotifikat lill-konvenut.

51. Huwa jindika li r-rikors tal-20 ta' Settembru 2007 ġie ppreżentat fil-21 ta' Settembru 2007, iżda li ġie nnotifikat lill-konvenut biss fit-22 ta' Frar 2008, għal raġunijiet li B. Purrucker ma hijiex responsabbli għalihom, relatati mal-ikkontestar, imqajma fil-kuntest tal-proċedura għal għajnuna legali, tal-ġurisdizzjoni internazzjonali ta' din il-qorti sabiex tadotta miżuri fil-qasam tad-dritt ta' kustodja fir-rigward ta' bint il-partijiet, S., li tgħix fi Spanja.

52. L-Amtsgericht Stuttgart jesponi li l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprovdi li qorti ta' Stat Membru, li l-ewwel tkun tressqet kawża quddiemha dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward ta' wild, primarjament għandha ġurisdizzjoni għall-kuntrarju ta' qorti ta' Stat Membru ieħor li sussegwentement tressqet kawża quddiemha li għandha l-istess suġġett u l-istess bażi ġuridika. Hija tqis li s-suġġett tal-kawża li wasslet għall-bidu, fix-xahar ta' Ġunju 2007, ta' proċedura għal miżuri provviżorji quddiem il-qorti Spanjola hija identika għal dik li wasslet għar-rikors fuq il-mertu li tressqet quddiem il-qorti Ġermaniża fix-xahar ta' Settembru 2007. Iż-żewġ proċeduri kellhom fil-fatt bħala suġġett talba għall-kisba ta' miżuri legali fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri dwar l-istess wild. Kull waħda miż-żewġ partijiet jitolbu, f'kull

każ, li jingħataw il-kustodja esklużiva. Fiż-żewġ proċeduri, il-partijiet huma identiċi.

53. Il-qorti tar-rinviju tindika li l-prijorità fiż-żmien ta' proċedura hija apprezzata taħt l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 2201/2003. Hija madankollu tinnota li l-ifformular ta' din id-dispożizzjoni ma tagħmel ebda distinzjoni bejn rikors fuq il-mertu u proċeduri ta' miżuri provviżorji, intiżi għall-għoti ta' miżuri provviżorji, b'din is-sitwazzjoni tħalli lok għal kunċetti legali differenti dwar il-qasam ta' applikazzjoni tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003.

54. Jirriżulta mill-approċċ legali adottat mill-Juzgado de Primera Instancia u mill-Audiencia Provincial de Madrid li qorti Spanjola hija kkunsidrata fis-sens tal-Artikoli 16 u 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, bħala li tressqet kawża quddiemha permezz tal-introduzzjoni ta' talba għal miżuri provviżorji. Il-proċedura għal miżuri provviżorji, flimkien ma' rikors fuq il-mertu ppreżentat sussegwentement, jikkostitwixxu unità proċedurali. Madankollu, digriet għal miżuri provviżorji ma jibqax *ipso jure* kkunsidrat validu jekk rikors fuq il-mertu ma jiġix ippreżentat fit-30 ġurnata min-notifika tad-digriet ta' miżuri provviżorji.

55. Permezz ta' din it-teorija, il-proċedura li għandha x'taqsam mad-dritt ta' kustodja ta' iben il-partijiet, M., kienet pendenti quddiem il-qorti Spanjola, fis-sens tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, mhux biss mix-xahar ta' Jannar 2008 iżda diġà mit-28 ta' Ġunju 2007.

56. Min-naħa l-oħra, skont parti kunsiderevoli tad-duttrina Ġermaniża u skont id-digriet tal-14 ta' Mejju 2009 tal-Oberlandesgericht Stuttgart, l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jikkonċernax ir-relazzjoni bejn rikors fuq il-mertu u proċedura għal miżuri provviżorji, peress li dawn il-proċeduri għandhom għanijiet differenti, anki jekk deċiżjoni li tagħti l-kustodja ta' wild mogħtija bħala miżuri provviżorji għandha effetti identiċi għal deċiżjoni dwar il-mertu ta' għoti ta' kustodja. Din it-teżi, fost l-oħrajn, hija wkoll iġġustifikata mill-fatt li l-Artikoli 21 *et seq* tar-Regolament Nru 2201/2003 ma japplikax għall-miżuri provviżorji, fis-sens tal-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament.

57. L-Amtsgericht Stuttgart iżżid li l-konferma, li saret *res judicata* mill-21 ta' Jannar 2010, mill-Audiencia Provincial de Madrid, tal-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-Juzgado de Primera Instancia u mill-fatt li din tikkostitwixxi l-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha ma tistax isservi bħala bażi għall-konstatazzjoni prevista taħt l-Artikolu 19(3) tar-Regolament Nru 2201/2003, li tgħid li "il-ġurisdizzjoni ta' l-ewwel qorti li ħadet il-pussess tiġi stabbilita". Din id-deċiżjoni ma torbotx lill-qorti Ġermaniża, billi r-Regolament Nru 2201/2203 ma jipprovdix għal effett vinkolanti ta' dan it-tip. Għall-kuntrarju, din tiffavorixxi "kompetizzjoni" bejn il-qrati dwar il-prijorità tal-ġurisdizzjoni u r-riżultat tagħha jiddependi fuq l-kontinġenzi u l-partikolaritajiet tad-dritt proċedurali

nazzjonali. Id-deċiżjoni wkoll mhux probabbli li tiġi rikonoxxuta fis-sens tal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 2201/2003, minħabba li ma tikkostitwixxix deċiżjoni fuq il-mertu dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, iżda biss deċiżjoni dwar kwistjoni proċedurali.

58. Skont il-qorti tar-rinviju, il-projbizzjoni li tipproċedi għall-verifika tal-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Istat Membru ta' oriġini, skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 2201/2003, jista jiġi applikat biss meta tingħata deċiżjoni fuq il-mertu. Dan il-prinċipju jirriżulta mill-fatt li din id-dispożizzjoni tinsab fil-Kapitolu III, Taqsima 1, tar-Regolament Nru 2201/2003 dwar ir-rikonoxximent tas-sentenzi. Madankollu, il-qorti Spanjola għadha ma ħadietx deċiżjoni dwar il-merti.

59. Barra minn dan, ir-rikonoxximent possibbli taħt l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 2201/2003, tal-miżura provviżorja mogħtija fil-qasam tad-dritt ta' kustodja mill-Juzgado de Primera Instancia, fit-8 ta' Novembru 2007, ma testendix għal deċiżjoni ulterjuri fuq il-mertu.

## V — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

60. Fid-deċiżjoni tar-rinviju, l-Amtsgericht Stuttgart talbet li r-rinviju preliminari jkun suġġett għal proċedura mħaffa skont l-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Permezz ta' ittra tal-1 ta' Lulju 2010, l-Amtsgericht Stuttgart wettqet kjarifika tat-talba tagħha billi ppreċiżat li fin kienet intiża mhux għall-applikazzjoni tal-Artikolu 104b, iżda għall-Artikolu 104a tar-Regoli tal-Proċedura.

61. Permezz ta' digriet tal-15 ta' Lulju 2010, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talba għal proċedura mħaffa.

62. Fil-kuntest ta' din il-kawża, B. Purrucker, il-Gvern Ġermaniż, il-Gvern Ċek, il-Gvern Spanjol u l-Gvern Franċiż, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet orali kif ukoll bil-miktub. Il-Gvern tar-Renju Unit ippreżenta biss osservazzjonijiet bil-miktub.

63. Fis-sitwazzjoni kruċjali deskritta mill-qorti tar-rinviju, jiġifieri fil-każ fejn ir-rikors inizjali għall-kisba ta' miżuri provviżorji jkun kunfliġġenti mat-tieni rikors li huwa dak fuq il-mertu u li jirrigwardaw l-istess wild, l-intervenjenti jaqblu lkoll li jikkunsidraw li l-miżuri provviżorji mitluba fuq il-bażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jwasslux għas-sitwazzjoni ta' *lis alibi pendens* previsti fl-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003.

64. Fir-rigward ta' miżuri meħuda minn qorti li għandha ġurisdizzjoni iżda li huma barra mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 20, f'għajnejja hemm żewġ gruppi bi proposti kunfliġġenti. Minn naħa, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, kif ukoll il-Kummissjoni jiddefendu t-teżi li mhux possibbli li jkun hemm *lis alibi pendens* f'dan ix-xenarju partikolari, billi t-talba għal miżuri provviżorji ma għandhiex l-istess suġġett bħala talba għal deċiżjoni fuq il-mertu, anki jekk kemm waħda u l-oħra jista' jkollhom l-istess suġġett, bħall-għoti ta' kustodja ta' wild. Min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Franċiża jikkunsidraw li r-Regolament Nru 2201/2003 ma jagħmilx distinzjoni fuq il-bażi tan-natura proċedurali tat-talba u li għalhekk konsegwentement, proċedura għal miżuri provviżorji tista' tkun sors ta' *lis alibi pendens* bħal proċeduri fuq il-mertu.

## VI — Analiżi

### A — *Osservazzjonijiet preliminari*

#### 1. *Fuq ir-rabta bejn ir-res judicata u l-lis alibi pendens*

65. Fil-fehma tiegħi, l-ewwel nett għandu tiġi ċċarata r-relazzjoni eżistenti bejn ċerti elementi importanti minn fost dawk li huma rilevanti għar-risposta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti għad-domandi preliminari.

66. L-għan prinċipali tad-dispożizzjonijiet dwar il-*lis alibi pendens* huwa li jipprevjeni li deċiżjonijiet kunfliġġenti jew inkonsistenti, fl-effetti tagħhom [13], jingħataw mill-qrati ta' diversi Stati Membri [14]. Minn dan jirriżulta rabta stretta bejn il-kunċetti ta' *lis alibi pendens* u r-*res judicata* [15].

67. Fil-kuntest tar-relazzjonijiet bejn sistemi legali differenti, il-*lis alibi pendens* internazzjonali li tirriżulta minn proċedura pendenti barra mit-territorju nazzjonali, kif ukoll ir-*res judicata* għal deċiżjoni mogħtija minn qorti barranija huma relatati mal-kwistjoni tar-rikonoxximent tas-sentenzi.

13 — Ara, b'analoġija, li tiddeċiedi fuq il-kunċett ta' "inkonsistenti" fis-sens tal-Artikolu 27(3) tal-Konvenzjoni ta' Brussell, tas-27 ta' Settembru 1968, fil-kawża Italian Leather (sentenza tas-6 ta' Ġunju 2002, C-80/00, Ġabra p. I-4995), l-Avukat Ġenerali Léger enfasizza li jekk "il-kawżi dwar miżuri provviżorji taħt il-liġijiet nazzjonali jvarjaw, mingħajr ma għaldaqstant id-deċiżjonijiet mogħtija taħt dawn il-kundizzjonijiet proċedurali jipproduċu effetti li ma humiex kompatibbli ma' xulxin, ma jistax jintlaqa' li d-deċiżjoni barranija tkun ikkunsidrata bħala inkonsistenti ma' dik mogħtija fl-Istat mitlub". Dwar ir-rabta funzjonali eżistenti bejn dan l-artikolu u l-Artikolu 21 tal-istess konvenzjoni, li jirrigwarda l-*lis alibi pendens*, ara s-sentenzi tad-19 ta' Mejju 1998, Drouot assurances (C-351/96, Ġabra p. I-3075, punt 16), u tad-9 ta' Diċembru 2003, Gasser (C-116/02, Ġabra p. I-14693, punt 41).

14 — Il-fatt li r-regoli ta' ġurisdizzjoni ġew standardizzati ma jeskludix li l-partijiet li għandhom interessi kunfliġġenti jistgħu validament iressqu kawża quddiem qrati ta' Stati Membri differenti.

15 — Hekk kif l-Avukat Ġenerali Kokott indika, ir-*res judicata* tfittex ukoll li tevita l-koeżistenza tad-deċiżjonijiet kunfliġġenti [punti 37 *et seq* tal-konklużjonijiet fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, C-526/08, Ġabra p. I-6151)].

Billi deċiżjoni ta' oriġini barranija ma jistax ikollha l-awtorità ta' *res judicata* fi ħdan sistema legali sakemm din mhux rikonoxxuta, proċedura mibdija barra mill-pajjiż lanqas ma hija kapaċi li toħloq *lis alibi pendens* jekk din ma twassalx għal deċiżjoni suxxettibbli ta' rikonoxximent fis-sistema legali tat-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha [16].

68. Ir-rabta bejn il-*lis alibi pendens* u r-*res judicata* tirriżulta wkoll mill-fatt li deċiżjoni li tkun saret *res judicata* fir-rigward tal-kwistjoni li qed tiddeċiedi dwarha timpedixxi li l-istess kwistjoni terġa' tiġi deċiża mill-ġdid fi proċedura oħra, jew bejn l-istess partijiet, jew b'mod iktar wiesa' [17]. Dan l-effett, li huwa kkunsidrat bħala d-dimensjoni negattiva tar-*res judicata*, huwa marbut mal-prinċipju *ne bis in idem*, li huwa prinċipju ġenerali tad-dritt rikonoxxut b'mod universali.

69. L-aspett pożittiv tar-*res judicata*, minn naħa, tirriżulta mill-għan prinċipali tal-qrati li huwa li jiddeċiedu dwar kwistjonijiet bejn partijiet bil-għan li jagħtu soluzzjoni awtoritarja lill-kontenzjuż dwar il-fatt ġuridiku inkwistjoni. Dan ifisser li deċiżjoni li tkun saret *res judicata* għandha titqies bħala vinkolanti fil-proċeduri l-oħra amministrattivi jew ġudizzjarji.

70. L-aspetti negattivi u pożittivi tar-*res judicata* ta' deċiżjoni għandhom jiġu analizzati minn perspettiva kemm suġġettiva kif ukoll oġġettiva. L-effett suġġettiv ta' deċiżjoni tista' tkun limitata biss għar-relazzjoni bejn il-partijiet. Dan japplika speċjalment għal sentenzi ċivili li għandhom is-sempliċi natura ta' dikjarazzjoni, b'mod li huma biss jikkonfermaw id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li diġà jeżistu, fuq il-bażi ta' rapport ġuridiku li jgħaqqad lil dawn, u li jislet il-konsegwenzi. Għall-kuntrarju, is-sentenzi ta' natura kostituttiva jistgħu jkunu ta' portata iktar suġġettiva sa fejn dawn joħolqu relazzjonijiet legali ġodda jew jimmodifikaw relazzjonijiet ġuridiċi diġà eżistenti.

71. Id-deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri normalment għandhom natura kostituttiva billi jagħtu jew jimmodifikaw drittijiet dwar din. Minn dan isegwi li dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jkunu *res judicata extra partes*, u mhux biss bejn il-partijiet. Pereżempju, deċiżjoni li tagħti d-dritt ta' kustodja ta' wild eslużivament lill-omm torbot l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji

16 — Fil-fatt, ikun eċċessiv għal qorti li tissospendi l-proċeduri sakemm tingħata deċiżjoni minn qorti barranija li mbagħad mhux ser tkun rikonoxxuta fuq il-livell nazzjonali. Inkella, ir-rikorrenti tkun qed tiġi miċħuda milli ssir ġustizzja, billi tkun ostakolata milli tikseb titolu infurzabbli fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

17 — L-awtorità tar-*res judicata* ma għandhiex tiġi konfuża mas-saħħa eżekuttiva ta' *res judicata*, b'dan l-aħħar kunċett jikkorrispondi għall-istat ta' deċiżjoni li ma hijiex jew ma għadhiex suġġetta għal appell.

f'dak illi jirrigwarda r-rappreżentazzjoni legali tal-wild.

72. Minn naħa l-oħra, id-deċiżjonijiet mogħtija f'dan il-qasam normalment ma għandhomx l-effett negattiv tar-*res judicata*. Fi kliem ieħor, l-assenjazzjoni jew il-mod tal-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri jistgħu normalment ikunu riveduti minn qorti li għandha l-ġurisdizzjoni fi proċedura ġdida, mingħajr ma deċiżjoni li tkun saret kisbet is-saħħa ta' liġi ma tkun tista' tipprevjeni dan. Hekk kif l-Avukat Ġenerali Sharpston qalet fil-kawża Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq [18], id-deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri ma jistgħux ikun għajr iktar jew inqas "konkreti". L-interess tal-wild, li huwa l-linja gwida prinċipali f'dan il-qasam, jeħtieġ li d-deċiżjonijiet dwar dan jistgħu jiġu emendati fejn meħtieġ.

73. Il-*lis alibi pendens* hija ġġustifikata mill-effett pożittiv tar-*res judicata* tad-deċiżjoni li għandha tingħata mill-ewwel qorti li tressqet il-kawża quddiemha. Sa fejn din id-deċiżjoni tkun rikonoxxuta fis-sistema legali tat-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha, din timpedixxi l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tmur kontra jew li hija inkompatibbli ma' din tal-aħħar jekk din jekk din ma tagħtix deċiżjoni qabel l-ewwel qorti. Min-naħa l-oħra, fil-każ fejn it-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha jirnexxilha tiddeċiedi qabel l-ewwel qorti li tressqet il-kawża quddiemha, l-obbligu li tirrikonoxxi d-deċiżjoni ta' din tal-aħħar tkun bla skop. Skont il-prinċipju ġenerali tal-*perpetuatio fori*, ir-regola ta' *lis alibi pendens* li tgħid li l-prijorità kronoloġika hija prevista favur l-ewwel qorti li quddiemha tressqet kawża hija l-iktar soluzzjoni kompatibbli mar-regola tar-*res judicata* dwar is-sentenzi barranin kli jistgħu jiġu rikonoxxuti. Din is-soluzzjoni tieħu inkunsiderazzjoni li l-effetti proċedurali li jirriżultaw mit-tressiq ta' kawża quddiem qorti tibda mill-mument meta jsir it-tressiq u jkompli sat-tmiem tal-proċeduri mibdija quddiem din il-qorti.

74. Bħar-*res judicata*, il-*lis alibi pendens* għandha wkoll tiġi analizzata kemm f'perspettiva suġġettiva kif ukoll f'perspettiva oġġettiva. Minkejja d-differenzi terminoloġiċi eżistenti bejn il-verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament Nru 2201/2003, l-ifformular tal-Artikolu 19(2) ta' dan jidher li jeħtieġ sabiex ikun hemm il-*lis alibi pendens* bejn żewġ rikorsi, li jkun hemm flimkien:

— identità suġġettiva (l-istess wild),

18 — Ara l-punti 119 u 121 tal-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fil-Kawża C-256/09.

— u identità oġġettiva ["l-istess minuri (suggete) u li tinkludi l-istess kawża (bażi ġuridika)") [19].

75. Fir-rigward tal-aspett suġġettiva tagħha, il-*lis alibi pendens*, bħar-*res judicata*, hija normalment ristretta għar-rikorsi li jinvolvu l-istess partijiet. Madankollu, kuntrarjament għal numru ta' dispożizzjonijiet oħra li magħhom jistgħu jiġu mqabbla [20], l-ifformular tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jeħtieġx li l-partijiet ikunu identiċi fil-kuntest ta' proċeduri li jirrigwardaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri, iżda jeżiġi biss li dawn tal-aħħar jirrigwardaw l-istess wild. Minħabba dak li indikajt dwar l-awtorità wiesgħa tar-*res judicata* ta' sentenzi kostituttivi, kategorija li normalment minnha jirriżultaw deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri, dan jidhirli loġiku biżżejjed. Għalhekk, deċiżjoni insegwitu għal proċedura mibdija bejn il-ġenituri ta' wild quddiem qorti ta' Stat Membru A li tagħti d-dritt ta' kustodja esklużiva lill-missier tkun inkompatibbli ma' deċiżjoni ta' qorti ta' Stat Membru B li tagħti d-dritt ta' kustodja lin-nanna materna tal-wild insegwitu għal proċedura bejn din tal-aħħar u ż-żewġ ġenituri. Billi jidher li l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 jidher li jeħtieġ biss li l-kawża tirrigwarda l-istess wild, fir-rigward tal-element suġġettiv tal-*lis alibi pendens* f'din il-kwistjoni, jiena tal-fehma li ż-żewġ proċeduri simultanji jaqgħu taħt ir-regola stabbilita f'dan l-artikolu.

76. Fir-rigward tal-element oġġettiv tal-identità, il-portata tal-*lis alibi pendens* għandha tiġi ddefinita fuq il-bażi tal-istess kunsiderazzjonijiet tal-portata oġġettiva tar-*res judicata*, jiġifieri, fir-rigward tal-bżonn li jiġu evitati deċiżjonijiet kunfliġġenti.

77. Fil-kamp tar-responsabbiltà tal-ġenituri, il-kriterju deċiżiv għandu jkun l-effett materjali ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni. Jekk id-deċiżjonijiet li jistgħu jirriżultaw minn rikorsi miġjuba quddiem qrati differenti ma jistgħux jiġu segwiti mill-partijiet jew implementati fl-istess ħin b'mod vinkolanti, hemm identiċità oġġettiva bejn dawn iż-żewġ rikorsi u, għalhekk, *lis alibi pendens*.

19 — It-terminu jvarja skont il-verżjoni: "desselben Anspruchs" bil-Ġermaniż, "the same cause of action" bl-Ingliż, "samaa asiaa" bil-Finlandiż jew "samma sak" bl-Isvediż. Skont il-ġurisprudenza (ara sentenzi tat-8 ta' Diċembru 1987, Gubisch Maschinenfabrik, 144/86, Ġabra p. 4861, punt 14, u tas-6 ta' Diċembru 1994, Tatry, C-406/92, Ġabra p. I-5439, punt 38), il-portata oġġettiva hija mfissra bi tqabbil ma' żewġ fatturi differenti, jiġifieri s-suġġett u l-bażi ġuridika ta' rikors. Konsegwentement, il-verżjonijiet lingwistiċi li jagħmlu distinzjoni ċara bejn dawn iż-żewġ kunċetti għandhom jiġu kkunsidrati bħala li għandhom valur ta' referenza.

20 — Qabbel, fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali: l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni ta' Brussell, tas-27 ta' Settembru 1968 u l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 107); fi kwistjonijiet matrimonjali u ta' responsabbiltà tal-ġenituri: l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 1347/2000 ; fi kwistjonijiet matrimonjali: l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 2201/2003. Fir-rigward tar-Regolament Nru 1347/2000, b'mod partikolari ara l-paġna 17 tal-proposta tal-Kummissjoni li wasslet għall-adozzjoni tagħha (dokument COM (1999) 220 finali), li jenfasizza d-differenza bejn il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament, u li jingħaraf ukoll mal-qari tal-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003. Barra minn dan, dan id-dokument jindika wkoll li l-kunċett ta' *lis alibi pendens* huwa bejn wieħed u ieħor definit b'mod wiesa' fid-dritt tal-Istati Membri, b'ċerti sistemi legali ma jagħmlux distinzjoni bejn il-kelma "minuri [suġġett]" u "kawża [bażi ġuridika]", hekk kif jirriżulta wkoll mir-rapport Borrás, *op.cit.* (punt 52).

78. Fil-prinċipju, *lis alibi pendens* għandha twassal qorti sabiex tikkonstata l-inammissibbiltà ta' rikors jew il-bżonn li tissospendi l-proċeduri, u dan *ex officio*. Madankollu, qorti ma jistax ikollha l-obbligu li hija stess issir taf bl-eżistenza ta' proċedura oħra, jew skont il-każ ta' sentenza oħra, li tkun tkopri l-istess suġġett bħat-talba li tressqet quddiemha. Il-mod normali ta' kif tiġi evokata *lis alibi pendens* jew *res judicata* hija eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-konvenut. Fl-eżami ta' tali eċċezzjoni, il-qorti għandha neċessarjament teżamina l-ġurisdizzjoni taż-żewġ qrati li jkunu involuti. Hija għandha mill-bidu għallinqas tidentifika jekk ikun hemm element ta' ġurisdizzjoni potenzjali li fuq il-bażi tagħha l-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha tista' tadotta deċiżjoni li tista' tkun rikonoxxuta. Il-metodu l-iktar ovvju għaliha huwa t-tqabbil tal-atti promoturi jew tad-dokumenti l-oħra dwar iż-żewġ istanzi involuti. Tista' wkoll titlob lill-partijiet għall-informazzjoni rilevanti kollha, jew li tikkuntattja l-qorti barranija rilevanti, jew direttament jew permezz tal-awtorità ċentrali tal-Istat Membru ta' dik il-qorti.

2. *Fuq il-kunflitti ta' proċedura jew ta' sentenzi*

79. Jidhirli li huwa neċessarju li ssir distinzjoni ċara bejn it-tliet xenarji li jistgħu jinqalgħu meta niġu għall-kunflitti ta' proċedura jew ta' sentenzi, u dan billi nsegwu ordni kronoloġiku.

80. L-ewwel nett, eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* internazzjonali tista' titressaq meta jkun hemm kunflitt bejn diversi proċeduri pendenti quddiem il-qrati ta' Stati Membri differenti. Din il-kawża taqa' f'dan ix-xenarju, minħabba li l-qorti hija msejħa sabiex tiddeterminaw jekk fil-mument fejn il-qorti Ġermaniża tressqet il-kawża quddiemha, diġà kien hemm proċedura pendenti quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor, jiġifieri fi Spanja, quddiem il-Juzgado de Primera Instancia. Jiena nenfasizza li l-*lis alibi pendens* jispiċċa meta waħda mill-proċeduri tkun tlestiet, u dan għal kwalunkwe raġuni. Fil-fatt, dan jista' jseħħ mhux biss jekk waħda miż-żewġ qrati "kunfliġġenti" ddeċidiet, iżda wkoll jekk l-istanza pendenti quddiem waħda minnhom tkun intemmet għal kwalunkwe raġuni: rinunzja, irtirar, skadenza minħabba f'nuqqas ta' diliġenza, mewt ta' parti fil-każ li l-interess ġuridiku mhux trasferibbli, etc.

81. It-tieni nett, kunflitt jista' jeżisti bejn proċedura fi Stat Membru u deċiżjoni diġà mogħtija fi Stat Membru ieħor. F'dan il-każ, ir-*res judicata* għandha twassal sabiex il-qorti li quddiemha hemm istanza pendenti tiddikjaraha inammissibbli minħabba li bla skop jekk id-deċiżjoni barranija hija suxxettibbli li tiġi rikonoxxuta.

82. It-tielet nett, kunflitt jista' jopponi deċiżjonijiet meħuda fi Stati Membri differenti, insegwitu, pereżempju, ta' ġurisdizzjonijiet kunfliġġenti. Anki jekk regoli komuni għar-rikonoxximent u għall-infurzar ser jiżguraw li l-effetti ta' waħda jipprevalu fuq l-oħra, fir-rispett id-drittijiet miksuba minn parti fi Stat Membru, id-deċiżjonijiet mogħtija jibqgħu jeżistu t-tnejn li huma. Huwa f'dan l-istadju tal-kwistjoni li tkun teżisti bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali li ġiet magħmula domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-256/09 magħrufa bħala Purrucker I.

83. Fl-opinjoni tiegħi, l-iskop tar-regoli ta' *lis alibi pendens* internazzjonali huwa doppju. Hekk kif diġà ndikajt qabel, dawn huma prinċipalment intiżi sabiex ikun evitat kunflitt pożittiv ta' deċiżjonijiet. Fil-fatt, meta l-partijiet jippreżentaw quddiem qrati ta' Stati Membri oħra differenti rikorsi li jkollhom l-istess suġġett, l-istess bażi ġuridika u li jirrigwardaw l-istess wild, din is-sitwazzjoni tista' twassal għal deċiżjonijiet li mhumiex faċilment rikonċiljati, jew li huma dijametrikament opposti, u għalhekk joħolqu inċertezza legali bejn il-partijiet. Is-soluzzjoni tinsab fl-obbligu tal-aħħar qorti li tkun tressqet il-kawża quddiemha li tirrifjuta favur dik preċedentement kienet tressqet il-kawża quddiemha, u dan qabel ma tingħata kwalunkwe deċiżjoni b'mod parallel.

84. Dawn ir-regoli jfittxu wkoll li jevitaw li l-partijiet jieħdu benefiċċju abbużiv ta' sistemi legali multipli billi jagħmlu "forum shopping" li jkun jikkonsisti li f'parti tippreżenta rikors quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor meta din tħoss li l-qorti li inizjalment tressqet il-kawża quddiemha tista' tieħu deċiżjoni li tmur kontra t-talbiet tagħha. Jiena nosserva li r-riskju ta' "forum shopping" huwa limitat taħt ir-regoli ta' ġurisdizzjoni fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri li huma ffissati fir-Regolament Nru 2201/2003 [21], billi l-fattur ewlieni ta' konnessjoni, jiġifieri l-post tar-residenza abitwali tal-wild, jagħmilha diffiċli li jkun hemm xi manuvri frawdolenti, ħlief permezz ta' xi tneħħija suċċessiva li tkun għal perijodu twil biżżejjed sabiex ir-residenza abitwali tkun miksuba.

85. Taħt il-Gwida prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 [22] u l-proposta tagħha li wasslet għall-adozzjoni ta' dan ir-regolament [23], il-Kummissjoni sabet li l-kawżi fejn verament ikun hemm *lis alibi pendens* huma rari fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, sa fejn il-minuri normalment għandu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru wieħed li fih il-qrati għandhom ġurisdizzjoni taħt ir-regola ġenerali ta' ġurisdizzjoni stabbilita mill-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi, wieħed ma jridx jinsa, li xi kultant il-post tar-residenza abitwali tal-wild huwa diffiċli

21 — Dan huwa differenti għal strument bħall-Konvenzjoni ta' Brussell, tas-27 ta' Settembru 1968, billi n-numru kbir ta' kriterji ta' ġurisdizzjoni kunfliġġenti previsti fih huma mistennija li joħolqu possibbiltajiet multipli ta' *lis alibi pendens*.

22 — "Gwida prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid Brussell II", abbozzata mis-servizzi tal-Kummissjoni b'konsultazzjoni man-netwerk ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (iktar 'il quddiem il-"NĠE"), aġġornata fl-1 ta' Ġunju 2005, p. 22. Dokument disponibbli fuq is-sit internet tal-Kummissjoni (http://ec.europa.eu/justice_home).

23 — Dokument COM (2002) 222 finali, p. 11.

li jiġi ddeterminat[24] jew li dan jinsab barra mit-territorju tal-Unjoni[25], li jista' jwassal sabiex il-qrati ta' numru ta' Stati Membri jirrikonoxxu li għandhom ġurisdizzjoni fl-istess ħin.

jkun ikkunsidrat il-fattur tal-aħwa f'dan ir-rigward[26]. F'dan il-każ, it-trattament legali taż-żewġt itfal ikkonċernati, anki jekk dawn huma tewmin, għandu jkun kkunsidrat separatament peress li s-sitwazzjoni individwali tagħhom hija differenti, b'mod partikolari minħabba li jgħixu separatament. Għalhekk, il-qrati Ġermaniżi ddikjaraw li internazzjonalment huma ma kellhomx ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu fuq it-talba għall-kustodja esklużiva mressqa minn B. Purrucker[27] f'dak illi jirrigwarda lill-wild S., billi jafu li r-residenza ta' dan il-wild tinsab fi Spanja sa mit-twelid tiegħu, filwaqt li żammew il-ġurisdizzjoni tagħhom fir-rigward tal-wild M.

86. Il-qorti tar-rinviju ġustament tosserva li biż-żamma tal-element ta' ġurisdizzjoni marbut mar-residenza abitwali ta' wild, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppermetta li diversi qrati jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar fatti identiċi iżda li jirrigwarda wlied differenti. Jiena nenfasizza li sabiex ikun hemm *lis alibi pendens* fis-sens tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, għandu jkun hemm minuri wieħed u li l-istess wieħed ikun ikkonċernat minn rikors kunfliġġenti, mingħajr ma

## B — *Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003*

87. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(2)

24 — Dan kien il-każ fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-2 ta' April 2009, A (C-523/07, Ġabra p. I-2805), billi l-familja inkwistjoni kienet "telqet mill-Isvezja sabiex tgħaddi l-vaganzi fil-Finlandja. Hija baqgħet fit-territorju Finlandiż, billi toqgħod f'karavans, f'diversi kampijiet, mingħajr mat-tfal kienu jmorru l-iskola" (punt 14). Jiena nfakkar li l-kriterji għall-identifikazzjoni tar-residenza abitwali ġew iffissati f'din is-sentenza kif ġej: "[m]inbarra l-preżenza fiżika tal-minuri fi Stat Membru, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fatturi oħra li huma suxxettibbli li jindikaw li din il-preżenza fl-ebda mod ma hija waħda ta' natura temporanja jew okkażjonali u li r-residenza tal-minuri tindika ċertu integrazzjoni f'ambjent soċjali u ta' familja. B'mod partikolari għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tul, r-regolarità, il-kundizzjonijiet u r-raġunijiet wara r-residenza fuq it-territorju ta' Stat Membru u tat-trasferiment tal-familja f'dan l-Istat, iċ-ċittadinanza tal-minuri, il-post u l-kundizzjonijiet ta' tagħlim, il-konoxxenzi lingwistiċi kif ukoll ir-rapporti familjari u soċjali tal-minuri ma' dan l-Istat" (punti 30 *et seq*). Ara wkoll il-punti 38 sa 52 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott f'din il-kawża.

25 — F'każ bħal dan, l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 2201/2003, iwassal sabiex "il-ġurisdizzjoni għandha tkun determinata, f'kull Stat Membru, mil-liġijiet ta' dak l-Istat".

26 — Jiena madankollu nosserva li fid-dritt ta' ċerti Stati Membri, l-aħwa jiffurmaw entità li hija protetta kemm jista' jkun possibbli fl-unità tagħha, bil-leġiżlatur iħeġġeġ lill-qorti sabiex tevita d-diviżjoni tal-aħwa u, jekk dan ma jseħħx, sabiex tiżgura ż-żamma ta' rabtiet bejn il-membri tagħha (ara, pereżempju, l-Artikolu 371-5 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż).

27 — Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Settembru 2007, l-Amtsgericht Albstadt ħasset li din it-talba kienet superfluwa minħabba li taħt il-liġi Ġermaniża, l-omm diġà kellha dritt ta' kustodja esklużiv. Għandu jiġi nnutat li, wara s-sentenza Zaunegger vs Il-Ġermanja, tat-3 Diċembru 2009, mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Rikors Nru 22028/04), il-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża) reċentement iddikjarat b'mod kuntrarju għall-Artikolu 6(2) tal-Kostituzzjoni, l-impossibbiltà, li tirriżulta mill-Artikoli 1626a u 1672 tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż (BGB), għall-missier ta' wild barra miż-żwieġ li jikseb dritt ta' kustodja fuq dan il-wild fil-każ ta' rifjut mill-omm (sentenza tal-21 ta' Lulju 2010, 1 BvR 420/09).

tar-Regolament Nru 2201/2003, rigward il-*lis alibi pendens* fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, huma applikabbli meta qorti ta' Stat Membru li l-ewwel tressqet kawża quddiemha minn waħda mill-partijiet fil-proċeduri għall-għoti ta' miżuri li huma biss ta' natura provviżorja, filwaqt li qorti ta' Stat Membru ieħor li sussegwentement tressqet quddiemha talba mill-parti l-oħra bl-istess suġġett hija mitluba tieħu deċiżjoni fuq il-mertu.

88. Jiena l-ewwel nett nippreċiża li jidhirli li huwa xieraq li din il-kwistjoni tiġi eżaminata flimkien maż-żewġ domandi preliminari l-oħra magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, dawn huma magħquda ma' din permezz ta' rabta kawżali stretta minn liema jirriżulta li r-risposta li jidhirli li għandha tingħata għall-ewwel domanda twassal sabiex ma jkunx hemm lok li tingħata risposta għad-domandi segwenti.

1. Fuq il-portata tal-interpretazzjoni mitluba

89. Fl-opinjoni tiegħi, l-approċċ adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkun newtrali, oġġettiv u ddistakkat kemm mill-kontinġenzi fattwali kif ukoll ġuridiċi, li huma partikolari għall-kawża prinċipali. Id-data f'din il-kawża, kemm dik speċifika jew traġika, ma jistgħux jinfluwenzaw b'mod determinanti s-soluzzjoni li għandha tingħata. B'mod partikolari, il-fatt li l-qorti tal-ewwel istanza Spanjola eventwalment ma kellhiex ġurisdizzjoni fir-rigward tal-kriterji stabbiliti fir-Regolament Nru 2201/2003 ma għandhiex tkun ta' impatt b'tali mod li tippreġudika l-prinċipji fundamentali stabbiliti minn dan ir-regolament, bħall-fiduċja reċiproka [28] li fuqhom huwa bbażat r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet mogħtija fi Stati Membri oħra [29].

90. Barra minn dan, huwa meħtieġ li r-risposti mogħtija lill-qorti tar-rinviju jippermettu li jkopru r-rikorsi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-"responsabbiltà tal-ġenituri" fit-tifsira tar-Regolament Nru 2201/2003. Jiena nfakkar li l-Artikolu 2(7) ta' dan ir-regolament jiddefinixxi r-responsabbiltà tal-ġenituri bħala "d-drittijiet u r responsabbilitajiet kollha dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' l-minuri li huma mogħtija lil persuna jew persuna legali b'sentenza, bl-operazzjoni ta' l-liġi jew b'xi fteħim li għandu effetti legali. Il-kliem se jinkludu d-drittijiet ta' kustodja u d-drittijiet ta' l-aċċess".

28 — Dwar dan il-prinċipju li huwa ġeneralment meqjus bħala "kolonna", ara b'mod partikolari l-punti 30 *et seq* tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz Jarabo Colomer fil-kawża Turner (sentenza tas-27 ta' April 2004, C 159/02, Ġabra p. I-3565) dwar il-Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968.

29 — Il-verifika tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 dwar il-kriterji ta' ġurisdizzjoni hija f'idejn il-qrati nazzjonali li għandhom ir-responsabbiltà li jisimgħu appelli, fejn, fil-każ ta' dubju dwar l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, huma meħtieġa li jagħmlu domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Bħala l-aħħar rimedju, huwa wkoll possibbli li tinbeda proċedura ta' ksur kontra l-Istat Membru kkonċernat.

91. L-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprovdi li dan ir-regolament "japplika, tkun xi tkun in-natura ta' l-qorti jew tribunal, fi kwistjonijiet ċivili[30] dwar [...] l-attribuzzjoni, l-ezerċizzju, id-delegazzjoni, ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbilità ta' l-ġenituri". L-Artikolu 1(2) jippreċiża li dawn il-materji "partikolarment, jittrattaw fi:

a) drittijiet ta' kustodja u drittijiet ta' aċċess;

b) kuratura, tutela w istituzzjonijiet simili;

ċ) in-nomina u l-funzjonijiet ta' xi persuni jew korp li għandhom l-inkarigu ta' l-minuri jew ta' l-proprjetà, ir-rappreżentanza jew l-għajnuna ta' l-minuri;

d) it-tqegħid ta' l-minuri ma' familja tar-rispett jew f' kustodja stituzjonali;

e) il-miżuri għall-protezzjoni ta' l-minuri dwar l-amministrazzjoni, il-konservazzjoni u l-ħelsien ta' l-proprjetà tagħhom."

92. Fil-fehma tiegħi, jista biss ikun hemm riskju ta' kunflitt ta' proċeduri, u għalhekk *lis alibi pendens*, bejn ir-rikorsi li jirriżultaw taħt l-istess intestatura tar-responsabbiltà tal-ġenituri, u mhux bejn tnejn jew iktar ta' dawn il-ħames intestaturi[31]. Madankollu, f'xi sistemi legali, l-istess miżura tista' tinkludi *ex lege* aspetti diversi tar-responsabbiltà tal-ġenituri li huma ċċitati minn dan l-artikolu[32].

93. Jirriżulta b'mod ċar minn dawn id-dispożizzjonijiet li l-proċeduri taħt ir-"responsabbiltà tal-ġenituri" fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003 jistgħu kemm jikkonċernaw partijiet kif ukoll jirrigwardaw talbiet differenti ħafna mill-istanza li tressqet quddiem il-qorti *a quo* f'dan il-każ, jiġifieri l-kustodja ta' wild mitluba mill-ġenituri tiegħu. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, jiena nosserva, li d-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri jista' jkun persuna oħra għajr il-missier u l-omm jew saħansitra persuna ġuridika, it-tieni nett, li l-kunċett ta' "materji ċivili" ġie ddefinit b'mod estensiv mill-Qorti tal-Ġustizzja[33], it-tielet nett, li l-lista ta' oqsma identifikati bħala li jaqgħu fi

30 — Jiena nfakkar li l-kunċett ta 'materji ċivili' huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni li jkopri wkoll miżuri li jirrigwardaw id-dritt pubbliku skont id-dritt nazzjonali ta' Stat Membru (sentenza tas-27 ta' Novembru 2007, C, C-435/06, Ġabra p. I-10141, punti 46 sa 53). Għalhekk, il-proċeduri, l-awtoritajiet jew id-deċiżjonijiet amministrattivi ta' ċerti Stati Membri jistgħu jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 (f'dan is-sens, ara wkoll 'Gwida prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid Brussell II', *op. cit.*, p. 8).

31 — Pereżempju, li jkun hemm flimkien proċeduri bħal talba għal tutela u rikors għat-tqegħid ma tistax twassal għal-*lis alibi pendens*, għaliex il-kwistjonijiet involuti huma distinti u dawn il-proċeduri ma għandhomx b'mod hekk ċar l-istess bażi ġuridika u l-istess suġġett. Huwa iktar diffiċli li jiġi ddeterminat jekk jista' jkun hemm *lis alibi pendens* bejn rikors dwar il-kustodja u rikors dwar id-dritt ta' aċċess.

32 — Pereżempju, id-dritt ta' kustodja, minbarra li jirriżulta mill-awtorità tal-ġenituri, dan jista' awtomatikament isegwi l-għoti ta' tutela jew it-tqegħid ta' wild f'istitut.

33 — Jirriżulta mis-sentenza A, iċċitata iktar 'il fuq, li "deċiżjoni unika li tordna t-teħid immedjat taħt kura u t-tqegħid ta' minuri barra mill-familja oriġinali tiegħu [tirriżulta mill-kunċett ta' 'materji ċivili' fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 2201/2003], meta dik id-deċiżjoni tkun adottata fil-kuntest tar-regoli tad-dritt pubbliku dwar il-protezzjoni tat-tfulija".

ħdan ir-"responsabbiltà tal-ġenituri" mhux eżawrjenti u, ir-raba' nett, li l-miżuri ta' protezzjoni involuti jistgħu jkopru kemm il-persuna kif ukoll il-proprjetà ta' wild[34]. Id-diversità kbira ta' istanzi suxxettibbli li jiġu koperti mill-interpretazzjoni tal-Artikoli 19 u 21 ta' dan ir-regolament ma għandhomx jiġu injorati meta l-Qorti tal-Ġustizzja tkun qed tiddeċiedi dwar id-domandi preliminari magħmula.

filwaqt li rikors li jikkonċerna l-istess wild ikollu l-għan li tingħata deċiżjoni finali rigward rigward id-dritt ta' aċċess mogħti lil ġenitur wieħed. Huwa għalhekk essenzjali li jiġu ddefiniti l-kunċetti tal-"istess minuri [suġġett]" u tal-"istess kawża [bażi ġuridika]" li jidentifikaw id-delimitazzjoni tal-*lis alibi pendens* fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

2. *Fuq il-linji prinċipali ta' interpretazzjoni*

94. Din il-varjetà ta' rikorsi involuti wkoll taffettwa kif tinftiehem il-*lis alibi pendens* fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri, hekk kif previst mill-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, għax minn dan isegwi li ħafna tipi ta' kunflitti ta' proċedura huwa possibbli f'dan il-qasam. Sabiex jingħataw xi eżempji empiriċi ta' kombinazzjonijiet possibbli, l-ewwel nett ser insemmi proċedura li titressaq quddiem qorti tat-tfal għat-tqegħid ta' minuri fl-istess ħin ma' proċedura mibdija quddiem qorti tal-familja għall-għoti lin-nanniet tiegħu ta' dritt ta' aċċess; it-tieni nett, rikors għal miżuri provviżorji li jirrigwarda trasferiment provviżorju tad-dritt ta' kustodja sa kemm jasal ir-riżultat ta' miżura ta' investigazzjoni soċjali jew psikoloġika,

95. Ċerti testi li kienu jew kienu għadhom applikabbli bejn l-Istati Membri jistgħu jkunu utli fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003[35]. Dan huwa l-każ, fost strumenti oħrajn[36], tal-Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968[37] magħrufa bħala "Brussell I", kif ukoll tar-Regolament Nru 44/2001, li kien maħsub sabiex jissostitwih mill-1 ta' Marzu 2002[38]. Jeżisti xebh, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kunċett ta' *lis alibi pendens*[39]. Madankollu, ir-responsabbiltà tal-ġenituri

34 — Jiena nippreċiża li l-premessi disa' u ħdax tar-Regolament Nru 2201/2003 jindikaw li l-miżuri relatati mal-proprjetà ta' wild iżda li ma jirriżultawx fil-protezzjoni ta' dan ma humiex koperti minn dan ir-regolament, iżda mir-Regolament Nru 44/2001, hekk kif huma wkoll irregolati minnha l-obbligi ta' manteniment.

35 — F'dan ir-rigward, ara s-sentenza Purrucker I (punti 84 *et seq*).

36 — Il-premessa 3 tar-Regolament Nru 2201/2003 tfakkar li dan issostitwixxa r-Regolament Nru 1347/2000, li l-biċċa l-kbira minnu kien meħud mill-Konvenzjoni ta' Brussell II, li għandha l-istess suġġett, hekk kif ġie ċċarat mir-rapport Borrás.

37 — Il-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32), kif emendata diversi drabi (ara sentenza Purrucker I, punt 12).

38 — Fuq ir-rabta li għandha ssir bejn iż-żewġ testi fil-qasam tal-ġurisprudenza, ara b'mod partikolari l-punti 28 *et seq* tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott ippreżentati fil-kawża Allianz (li qabel kienet Riunione Adriatica di Sicurta) (sentenza tal-10 ta' Frar 2009, C-185/07, Ġabra p. I-663).

39 — Ara l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni ta' Brussell, tas-27 ta' Settembru 1968, l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1347/2000 u l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 44/2001.

kif iddefinita fir-Regolament Nru 2201/2003 tirriżulta mill-istat tal-persuni, suġġett espressament eskluż minn dawn iż-żewġ testi l-oħra. L-approċċ miżmum għall-proprjetà ma tapplikax neċessarjament f'sitwazzjonijiet barra mill-qasam tal-proprjetà, fid-dawl tad-differenzi li jeżistu dwar in-natura u l-effetti tad-deċiżjonijiet meħuda f'dawn iż-żewġ oqsma, kif ukoll dwar linji gwida applikabbli għalihom. Fil-fatt, preċetti speċifiċi għar-Regolament Nru 2201/2003, bħall-prominenza mogħtija għall-aħjar interessi tal-ulied fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri [40], jipprovdu perspettiva unika, fid-dawl ta' liema l-interpretazzjoni ta' kunċett bħal-*lis alibi pendens* jista' jkollu orjentament differenti minn dak mogħti lil strumenti oħra.

96. Barra minn dan, jiena nosserva li jekk deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell, tas-27 ta' Settembru 1968 jirrigwardaw il-kunċetti ta' *lis alibi pendens* u miżuri provviżorji, dawn sa fejn naf jien jagħmlu hekk biss b'mod separat u mhux flimkien, jiġifieri, mingħajr ma jiddeċiedu fuq il-*lis alibi pendens* f'każ ta' deċiżjonijiet li jadottaw miżuri provviżorji. Fil-ġurisprudenza tal-Istati Membri, jidher li ma hemm l-ebda suġġett iktar sinjikattiv, speċjalment minħabba fid-dawl tal-ftit tweġibiet mogħtija matul is-seduta għall-mistoqsija speċifikament magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq dan is-suġġett.

97. Fl-opinjoni tiegħi, il-kunċett ta' *lis alibi pendens* fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003 għandu jkun suġġett għal interpretazzjoni awtonoma [41], jiġifieri, li jirreferi mhux għall-fehmiet ta' Stat Membru partikolari, iżda minn naħa, l-għanijiet u l-iskema tat-test u, min-naħa l-oħra, il-prinċipji ġenerali li jirriżultaw mis-sistemi kollha tad-dritt nazzjonali [42]. Naħseb li għandu jsir l-istess għall-kunċetti kollha awtonomi li jinsabu fir-Regolament Nru 2201/2003.

98. Ikun possibbli li jiġi kkunsidrat li l-kunċetti ta' natura proċedurali bħal dak "ta' l-ewwel qorti li ħadet il-pussess" għandhom jiddependu fuq ir-regoli nazzjonali. Madankollu, f'dan ir-rigward, ir-Regolament Nru 2201/2003 pprova joħloq sistema komuni sabiex jintgħelbu l-partikolaritajiet nazzjonali. B'hekk, l-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament jagħmel uniformi, billi jiddefinixxi l-karatteristiċi tiegħu kemm ta' proċedura kif ukoll fiż-żmien, il-kunċett ta' tressiq ta' kawża quddiem qorti. Fil-fatt, dan jipprovdi meta u taħt liema kundizzjonijiet dan iseħħ, irrispettivament minn liema regoli huma applikabbli fuq livell nazzjonali fl-Istati Membri. Jidhirli li l-leġiżlatur telaq mill-ġurisprudenza li tirrigwarda l-Konvenzjoni

40 — Ara l-premessa 12 tar-Regolament Nru 2201/2003.

41 — B'analoġija, ara s-sentenza Gubisch Maschinenfabrik, iċċitata iktar 'il fuq (punti 6 *et seq*), fejn huwa indikat li "l-kunċetti użati fl-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 sabiex tiġi ddeterminata sitwazzjoni ta' *lis alibi pendens* għandha tiġi kkunsidrata bħala awtonoma" [traduzzjoni mhux uffiċjali], kif ukoll il-punt 2 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mancini f'din il-kawża. Ara, ukoll, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, Gruber (C-464/01, Ġabra p. I-439, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dwar l-għażla bejn definizzjoni awtonoma jew strateġija nazzjonali, ara, s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1976, Industrie Tessili Italiana Como (12/76, Ġabra p. 1473, punti 10 u 11).

42 — Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 1976, LTU (29/76, Ġabra p. 1541, punt 3).

ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968[43] billi stabbilixxa regola tad-dritt tal-Unjoni li tidentifika l-punt tat-tluq tat-tressiq tal-kawża, b'referenza għad-data li fiha l-att promotur huwa, jew ippreżentat quddiem il-qorti jew ikun wasal għand l-awtorità responsabbli għan-notifika[44]. L-għażla bejn dawn iż-żewġ alternattivi tiddependi fuq il-proċeduri għalt-tressiq ta' kawża previsti mid-drit nazzjonali.

99. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003 għandha, l-ewwel nett[45], issir fid-dawl tal-ifformular ta' din id-dispożizzjoni u ta' dawk madwarha. Għalhekk jiena nosserva li ma nara l-ebda differenza fir-rigward tal-*lis alibi pendens* msemmija f'dan l-Artikolu 19, bejn it-tressiq ta' kawżi fuq il-mertu u t-tressiq ta' kawżi għall-għoti ta' miżuri provviżorji. Bl-istess mod, l-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament ma jagħmel ebda distinzjoni ta' din in-natura.

100. Il-kunċett ta' miżuri provviżorji ma jeżistix bħala tali fir-Regolament Nru 2201/2003, li japplika biss għall-miżuri meħuda b'"urġenza"[46]. Min-naħa l-oħra, issir referenza speċifika għall-ġurisdizzjoni sabiex tingħata deċiżjoni "fuq il-mertu" fl-Artikolu 15 li jikkonċerna r-rinviju għal qorti f'pożizzjoni aħjar u fl-Artikolu 20 li jirreferi għall-miżuri provviżorji jew kawtelatorji meħuda f'każ ta' urġenza.

101. Il-kunċett ta' miżuri provviżorji, li jistgħu jittieħdu jew fil-kuntest tal-Artikolu 20 meta l-kundizzjonijiet minnu imposti jkunu sodisfatti, jew f'każ kuntrarju barra mill-kamp ta' dan l-artikolu, mhumiex definiti b'mod ċar, li jista' joħloq xi problemi ta' interpretazzjoni minħabba d-diversità misjuba fis-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri[47]. Jiena nqis ukoll li l-Artikolu 2(4) ta' dan ir-regolament jiddefinixxi "sentenza" fis-sens ta' dan ir-regolament u jinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu mhux biss "deċiżjonijiet" iżda ukoll "diġrieti" bħal dawk li jistgħu jingħataw mill-Imħallef għal miżuri

43 — Sentenza tas-7 ta' Ġunju 1984, Zelger (129/83, Ġabra p. 2397, punt 16), fejn huwa ppreċiżat li "l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li għandha tiġi kkunsidrata bħala 'l-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha', il-qorti li quddiemha jkunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-konklużjoni ta' *lis alibi pendens* definittiva, b'dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu evalwati skont il-liġi nazzjonali ta' kull qorti kkonċernata" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mancini huma fl-istess direzzjoni, minħabba fid-diversi sistemi legali applikati għal-*lis alibi pendens* fl-Istati Membri.

44 — Fuq ir-rabta bejn in-notifika tal-att promotur u l-*lis alibi pendens*, ara l-punt 68 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-kawża Weiss und Partner (sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, C-14/07, Ġabra p. I-3367).

45 — B'analoġija, fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni ekwivalenti li tinsab fil-Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968, jiġifieri l-Artikolu 21 tiegħu, ara s-sentenza Gasser, iċċitata iktar 'il fuq (punt 70), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata "kemm l-ittra kif ukoll l-ispirtu u l-iskop ta' din il-konvenzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali],. Dan għandu jiġi mqabbel mal-punti 62 sa 64 tas-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq.

46 — Fuq dan il-kunċett, ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 1992, Reichert u Kockler (C-261/90, Ġabra p. I-2149, punt 34), dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni ta' Brussell, tas-27 ta' Settembru 1968.

47 — F'dan ir-rigward, ara l-analiżi ta' dritt komparattiv fis-sit tan-NĠE (http://ec.europa.eu/civiljustice/interim_measures/interim_measures_gen_fr.htm): "Eżami komparattiv tal-leġiżlazzjoni nazzjonali twassal sabiex nuqqas kważi ġenerali ta' definizzjoni ta' miżuri provviżorji u kawtelatorji, kif ukoll li jkun hemm eteroġeneità kunsiderevoli tas-sistemi legali".

provviżorji meta jkun qed jiddeċiedi f'każ ta' urġenza.

102. It-tieni nett, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 19 tistrieħ fuq il-pożizzjoni tagħha fl-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 2201/2003. Bħal dak li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'din il-perspettiva fuq l-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament[48], jiena nikkunsidra li l-Artikolu 19 ma jiffissax regola ta' ġurisdizzjoni fuq il-mertu, iżda dan jistabbilixxi regola ta' artikulazzjoni, jew "regola ta' applikazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali][49], fil-każ ta' tressiq ta' kawżi multipli u kunflitt ta' proċeduri. F'dan ir-rigward, huwa sinjifikattiv li wieħed jinnota l-pożizzjoni ta' dan l-Artikolu 19 meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet ta' madwarha. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet preċedenti għalih jistabbilixxu regoli ta' ġurisdizzjoni, filwaqt li d-dispożizzjonijiet sussegwenti, jiġifieri l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, jiddeskrivi miżuri meħuda taħt urġenza. Jekk miżuri provviżorji jew kawtelatorji msemmija fl-Artikolu 20 jistgħu jkunu affettwati minn dan l-Artikolu 19, huma kellhom jissemmew qabel dan. Għalhekk nistgħu niddeduċu, hekk kif jagħmlu l-intervenjenti kollha, li ma hemm possibbiltà ta' *lis alibi pendens* meta proċedura hija mibdija għall-miżuri ta' urġenza minn qorti li kieku ma kienx ikollha ġurisdizzjoni.

103. It-tielet nett, l-interpretazzjoni għandha tirrifletti l-loġika inerenti fl-Artikolu 19 u r-Regolament Nru 2201/2003 kollu kemm hu. Ovvjament, ir-regoli armonizzati ta' ġurisdizzjoni jobbligaw lill-qrati nazzjonali, inkella s-sistema mqiegħda fis-seħħ ma taħdimx. Jiena nfakkar li taħt il-premessa 12 tar-Regolament Nru 2201/2003, li hija riflessa fl-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament, wieħed mill-prinċipji ewlenin ta' dan ir-regolament huwa li "[i]r-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbiliti b'dan ir-regolament fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri huma mfassla fl-aħjar interessi tal-ulied u b'mod partikolari tal-kriterju ta' qrubija" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Prinċipju ieħor essenzjali huwa dak tal-prijorità kronoloġika[50] imposta mill-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003, li tinkorpora r-regola "prior temporis", li hija klassika fil-qasam tal-*lis alibi pendens*[51]. Jiena tal-fehma li l-evalwazzjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha hija tal-ewwel qorti li tressqet kawża

48 — Ara s-sentenza Purrucker I (punti 60 u 61), fejn huwa indikat li "[l]-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 huwa l-aħħar artikolu tal-Kapitolu II, dwar il-ġurisdizzjoni, ta' dan ir-regolament. Huwa ma jagħmilx parti mill-artikoli li jirrigwardaw b'mod speċifiku l-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, li jikkostitwixxu t-Taqsima 2 ta' dan il-kapitolu, iżda jagħmel parti mit-Taqsima 3 ta' dan ir-regolament, intitolat, 'Id-Disposizzjonijiet komuni'. Mill-pożizzjoni ta' din id-dispożizzjoni fl-istruttura tar-Regolament Nru 2201/2003 jirriżulta li l-Artikolu 20 ma jistax jitqies li huwa dispożizzjoni li tattribwixxi l-ġurisdizzjoni dwar il-mertu, fis-sens ta' dan ir-regolament".

49 — It-terminu jirriżulta, b'analoġija, mir-rapport Borrás *op. cit.* (punt 55).

50 — B'analoġija, dwar id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 Settembru 1968 dwar l-*lis alibi pendens*, ara s-sentenza Gasser, iċċitata iktar 'il fuq (punt 47) fejn huwa ppreċiżat li "r-regola proċedurali li tinsab fl-Artikolu 21 ta' din il-konvenzjoni [...] hija bbażata biss u b'mod ċar fuq l-ordni kronoloġika li fiha l-qrati inkwistjoni tressqu kawża quddiemhom".

51 — Għandhu jiġi mqabbel: proposta tal-Kummissjoni tal-1999 li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 1347/2000 (dokument COM (1999) 220 finali, p. 17) u r-rapport Borrás, *op. cit.* (punti 52 u 53).

quddiemha[52] u li d-deċiżjoni meħuda minn din torbot lit-tieni qorti li tkun tressqet il-kawża quddiemha, kuntrarjament għal dak li tgħid il-qorti tar-rinviju, kriterju diskutibbli li ttieħed ukoll mill-Oberlandesgericht Stuttgart. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jidhirli li sejra f'din l-istess direzzjoni[53].

3. *Fuq il-kategoriji differenti ta' miżuri provviżorji*

104. Sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula dwar kif jaħdmu r-regoli ta' *lis alibi pendens* previsti mir-Regolament Nru 2201/2003 fil-każ ta' tressiq ta' kawża quddiem għal miżuri provviżorji u ta' tressiq ta' kawża kunfliġġenti fuq il-mertu dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, is-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq, kif ukoll il-konklużjonijiet magħmula f'din il-kawża mill-Avukat Ġenerali Sharpston jipprovdu numru ta' risposti utli, iżda biss fir-rigward ta' miżuri provviżorji, b'mod partikolari fis-sens tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, bla ħsara għall-interpretazzjoni f'dan il-każ tal-Artikolu 19 ta' dan ir-regolament.

105. B'mod partikolari, jidher ukoll minn din is-sentenza li għandha ssir differenza bejn, minn naħa, id-deċiżjonijiet dwar miżuri provviżorji jew kawtelatorji bl-applikazzjoni tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 u, min-naħa l-oħra, il-miżuri provviżorji meħuda barra minn dan il-qafas. Għalhekk, għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, il-miżuri provviżorji meħuda fuq il-bażi tal-Artikolu 20, għalhekk ibbażati fuq il-kriterji stabbiliti fih, u min-naħa l-oħra, l-miżuri provviżorji l-oħra, li jistgħu jiġu meħuda minn qorti li tikkunsidra lilha nnifisha bħala li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu taħt l-Artikoli 8 sa 14 tar-Regolament Nru 2201/2003.

— *Il-miżuri provviżorji meħuda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003*

106. Minħabba fl-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 2201/2003, jidher evidenti li *lis alibi pendens* huwa impossibbli fil-każ ta' proċeduri kunfliġġenti relatati, minn naħa, għall-għoti ta' miżuri provviżorji

52 — Ara, wkoll il-"Gwida prattika għall-applikazzjoni l-ġdida Regolament Brussell II", *op. cit.* (p. 22), fejn huwa ppreċiżat li "l-Artikolu 19(2) jipprovdi li l-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha għandha, fil-prinċipju, ġurisdizzjoni. It-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha għandha tissospendi l-proċeduri u tistenna lill-qorti l-oħra tieħu deċiżjoni dwar il-ġurisdizzjoni tagħha. Jekk l-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha tqis lilha nnifisha bħala li għandha ġurisdizzjoni, il-qorti l-oħra għandha tirrifjuta l-ġurisdizzjoni fil-kawża. It-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha għandha tkompli l-proċeduri quddiemha biss jekk l-ewwel qorti tikkonkludi li hija ma għandhiex ġurisdizzjoni jew jekk dik il-qorti tiddeċiedi li tirrinvija l-kawża skont l-Artikolu 15" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

53 — B'analoġija, dwar il-Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968, ara s-sentenza Gasser, iċċitata iktar 'il fuq (punt 48). Ara wkoll, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 1991, Overseas Union Insurance *et* (C-351/89, Ġabra p. I-3317, punt 26), fejn huwa ppreċiżat li, "bla ħsara għall-ipoteżi fejn it-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha jkollha ġurisdizzjoni esklużiva prevista mill-konvenzjoni, u b'mod partikolari mill-Artikolu 16 tagħha, l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li meta l-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti li tressqet il-kawża quddiemha hija kkontestata, sakemm hija ma tirrifjutax il-kawża, it-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha tista' biss tissospendi l-proċeduri, mingħajr ma tkun tista' teżamina hija stess il-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. F'din l-aħħar kawża, l-Avukat Ġenerali Van Gerven kien enfasizza li "[d]eċiżjoni mod ieħor tikkostitwixxi interferenza ċara mit-tieni qorti fil-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti" (punt 15 tal-konklużjonijiet tiegħu).

jew kawtelatorji minħabba f'urġenza minn qorti, mingħajr ġurisdizzjoni, tal-Istat Membru fejn jinsab il-minuri u, min-naħa l-oħra, għall-kisba ta' deċiżjoni minn qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu. Fil-fehma tiegħi, il-*lis alibi pendens* prevista taħt l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 tista' tirrigwarda biss rikorsi għal deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-qrati ta' Stati Membri differenti li jibbażaw il-ġurisdizzjoni tagħhom fuq l-Artikoli 8 sa 14 ta' dan ir-regolament. Il-partijiet kollha li ssottomettew osservazzjonijiet fuq dan il-punt jidhirli li jaqblu.

107. Il-bażi ġuridika essenzjali [54] ta' din is-soluzzjoni tinsab fin-nuqqas ta' effett extraterritorjali tal-miżuri bbażati fuq l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 [55]. Fil-fatt, il-miżuri provviżorji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 20 ma għandhom l-ebda effett vinkolanti fl-Istati Membri l-oħra, iżda biss fuq it-territorju tal-Istat Membru tal-qorti li tkun ħadithom. Għaldaqstant, ma jistax ikun hemm *lis alibi pendens* fis-sens tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003, li jimplika li proċedura msemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament li l-ewwel ma tinbeda tista' tipprevjeni l-progress tal-proċedura quddiem il-qorti ta' Stat Membru ieħor li għandu ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedi fuq il-mertu.

108. Matul is-seduta, il-Kummissjoni kkunsidrat li distinzjoni bejn il-miżuri provviżorji msemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 u l-miżuri provviżorji meħuda minn qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu ma hijiex prattika bħala kriterju ta' applikazzjoni tal-Artikolu 19(2) ta' dan ir-regolament, minħabba t-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha ma tistax tkun jaf jekk il-miżuri provviżorji meħuda mill-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha kinux fuq il-mertu jew le fir-rigward tal-elementi ta' ġurisdizzjoni previsti fl-Artikoli 8 *et seq* ta' dan ir-regolament. Jiena ma naqbilx ma' dan.

54 — Argumenti oħra fl-istess direzzjoni, jiġifieri li l-miżuri bbażati fuq l-Artikolu 20 għandhom, barra dan l-effett limitat fir-rigward fil-portata territorjali tagħhom, effetti limitati minn naħa, fir-rigward tal-portata materjali tagħhom, il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jipprovdi li l-miżuri adottati f'sitwazzjoni ta' emerġenza ma jaffettwax il-ġurisdizzjoni fuq il-mertu li jista' jkollhom qrati ta' Stati Membri oħra u ma jorbotx lil dawn tal-aħħar, u min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-portata temporali tagħhom, il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu jeħtieġ li l-miżuri invokati jieqfu milli jkollhom effett meta l-qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tieħu deċiżjoni u li għalhekk ma hemmx iktar il-bżonn li din tinbidel b'mod temporanju. Iż-żewġ kategoriji ta' proċeduri ma jistgħux jidħlu f'kunflitt dirett, billi dik imsemmija fl-Artikolu 20 hija suġġetta għal dik fuq il-mertu, sabiex jiġi evitat riskju ta' ksur tar-regoli ta' ġurisdizzjoni. Dwar dan l-aħħar punt, ara s-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq (punti 86 u 91).

55 — Li għandu jitqabbel mas-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq (punti 84 *et seq*), u mal-punti 172 sa 175 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston f'din il-kawża. Din l-analiżi tikkonċerna r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet, iżda fl-opinjoni tiegħi japplika wkoll fir-rigward ta' *lis alibi pendens*. Fil-fatt, huwa meħtieġ li wieħed jibqa' konsistenti mas-sistema legali eżistenti, jiġifieri li għandha tiġi segwita l-loġika ta' din is-sentenza.

109. Jiena nfakkar li l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 jippermetti lill-qorti li tieħu miżuri provviżorji jew kawtelatorji, skont il-liġi nazzjonali tagħha, dwar wild fit-territorju tagħha, anki jekk qorti ta' Stat Membru ieħor għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu. Il-miżura tista' tittieħed minn qorti jew awtorità kompetenti fl-oqsma kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, kif iffissat bl-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament. L-imsemmi Artikolu 20 ma huwiex regola ta' ġurisdizzjoni, u l-miżuri provviżorji meħuda f'dan il-kuntest jieqfu milli jkollhom effetti minn meta il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu, li hija għalhekk temporanjament ssostitwita għal raġunijiet ta' żmien u distanza, hija kapaċi tieħu l-miżuri li hija tikkunsidra xierqa [56].

110. Kif diġà osservajt, l-applikazzjoni tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 huwa normalment iġġenerat minn eċċezzjoni ta' inammissibbiltà minħabba fil-*lis alibi pendens* mressqa minn parti quddiem it-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li hemm każijiet fejn l-eżistenza ta' proċedura relatata mar-responsabbiltà tal-ġenituri li kienet għadha pendenti fi Stat Membru ieħor tkun miġjuba għall-attenzjoni ta' qorti, mhux mill-partijiet infushom, iżda fuq il-bażi ta' informazzjoni mibgħuta mill-awtorità ċentrali.

111. Għall-qorti ta' Stat Membru (B) li tressqet sussegwentement il-kawża quddiemha, l-identifikazzjoni ta' proċedura għall-għoti ta' miżuri provviżorji minn qorti ta' Stat Membru (A) taħt l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 huwa possibbli minħabba l-preżenza ta' żewġ elementi: l-ewwel nett, il-preżenza tal-wild jew tal-proprjetà tiegħu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru (A) u, it-tieni nett, il-konstatazzjoni li l-wild ma kienx abitwalment residenti f'dan l-Istat (A) meta tkun tressqet kawża quddiem qorti tagħha. Jiena nenfasizza li l-miżuri provviżorji dwar il-persuna ta' wild li ma jkunx preżenti fl-Istat Membru ta' fejn hija l-qorti li tieħu dawn il-miżuri ma jaqgħux taħt l-imsemmi Artikolu 20 [57].

112. Fil-każ fejn ir-residenza abitwali tal-wild tinsab fl-Istat Membru (B) tat-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha (jew fi Stat Membru terz) u fejn il-wild huwa preżenti fl-Istat Membru (A) tal-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha għal miżuri provviżorji, it-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha tista' tassumi li din hija proċedura msemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, sakemm il-parti li titlob il-*lis alibi pendens* tista' tipprovdi evidenza li l-kawża li tressqet quddiem l-ewwel qorti fl-Istat Membru (A) kienet taqa' taħt wieħed mill-elementi ta'

56 — Ara l-"Gwida prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid Brussell II" *op. cit.* (p. 11).

57 — Hawnhekk jiena neskludi l-kwistjoni ta' miżuri urġenti meħuda fir-rigward tal-proprjetà ta' wild li huma preżenti fuq it-territorju nazzjonali.

ġurisdizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 9 sa 12 tar-Regolament Nru 2201/2003 [58].

113. Fir-rigward tal-ulied li r-residenza abitwali tagħhom ma tistax tiġi stabbilita b'mod ċar, il-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tagħhom il-wild huwa attwalment preżenti għandhom ġurisdizzjoni minħabba f'dan, taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 2201/2003 u, għaldaqstant, l-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament ma japplikax għal miżuri provviżorji jew kawtelatorji meħuda minn dawn il-qrati. L-istess kunsiderazzjoni tapplika għat-tfal li normalment għandhom ir-residenza abitwali tagħhom barra mill-Unjoni, li jkunu f'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament, dwar ġurisdizzjoni residwa. Jekk tali wild huwa preżenti fit-territorju ta' Stat Membru, il-qrati nazzjonali għandhom ġurisdizzjoni sa fejn dan jirriżulta mil-liġijiet ta' dak l-Istat. Huwa possibbli li jkun jista' jinħoloq kunflitt pożittiv ta' ġurisdizzjoni bejn il-qrati fi Stati Membri differenti.

— *Il-miżuri provviżorji meħuda minn qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-Artikoli 8 sa 14 tar-Regolament Nru 2201/2003*

114. L-approċċ għandu jkun differenti, jiġifieri li jista' jkun hemm il-*lis alibi pendens*, fir-rigward ta' miżuri provviżorji meħuda mhux f'każ ta' urġenza, fuq il-bażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, iżda minn qorti li tikkunsidra li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu, taħt l-Artikoli 8 sa 14 tal-istess regolament. Din tidhirli li hija l-iktar problema delikata mqajma mill-Amstgericht Stuttgart.

115. Jiena ninnota li l-ewwel domanda preliminari tikkonċerna biss il-każijiet fejn rikorsi għal miżuri provviżorji huma mitluba, b'mod "iżolat" skont it-termini użati mill-qorti tar-rinviju, kuntrarjament għar-rikorsi li jfittxu li jinkisbu mhux biss miżuri provviżorji iżda wkoll, prinċipalment, jew sussidjarjament, il-miżuri finali fuq il-mertu. Jiena tal-fehma li din il-premessa tista' tirreferi għal tliet każijiet. Minn naħa, miżuri provviżorji jistgħu jkunu mitluba waqt l-istennija tar-riżultat ta' investigazzjonijiet (investigazzjoni soċjali, rapport ta' espert mediku-psikologu, inventarju ta' proprjetà ....) jew fit-twettiq ta' avveniment (medjazzjoni tal-familja, kura ta' disintossifikazzjoni ta' wieħed mill-ġenituri, tmiem ta' perijodu fl-isptar jew ta' piena ta' priġunerija ...). Minnaħa l-oħra, miżuri jistgħu jiġu mitluba għal perijodu ta' żmien determinat minn qabel jew b'limitu ta' żmien (pereżempju, it-tqegħid ta' wild fi familja tar-rispett għal perijodu ta' sena, tutela sakemm il-wild ma jibqax minuri). Fl-aħħar nett, miżuri provviżorji jistgħu jiġu mitluba fl-istennija ta' att proċedurali sussegwenti tar-rikorrent mingħajr ma att promotur ġdid huwa meħtieġ skont il-liġi nazzjonali applikabbli (kif jidher li huwa

58 — Dwar it-teħid flimkien tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003 u tal-Artikolu 19 tal-istess regolament, ara l-punti 63 sa 66 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Rinau (sentenza tal-11 ta' Lulju 2008, C-195/08 PPU, Ġabra p. I-5271).

l-każ tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Spanjol ikkonċernat f'din il-kawża).

116. Minħabba fl-ifformular tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 u ta' dawk tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament, b'mod partikolari, ma hemm ebda distinzjoni bejn id-deċiżjonijiet li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tagħti b'mod provviżorju, jiġifieri għal terminu determinat, u dawk li hija tagħti b'mod finali, iktar preċiżament, għal perjodu indeterminat, iżda li jista' jiġi tterminat jekk element ġdid jiġġustifika li jiġu emendati l-miżuri li kienu organizzaw l-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri.

117. Fid-dawl tal-iskop tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 u kuntrarjament għal dak li jiġri fil-kuntest tal-Artikolu 20[59], huwa loġiku li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu li tkun adottat miżura provviżorja dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward ta' wild ma tkunx sodisfatta li tkun biss ħadet dan il-pass preliminari u li tkun trid li tkun hija nfisha li mbagħad tieħu deċiżjoni finali jew "sħiħa", waqt li tkun kuxjenti mill-fatt li huwa fl-aħjar interess tal-wild li s-sitwazzjoni tiegħu tkun solvuta b'mod kemm jista' jkun l-iktar stabbli u dan mill-istess qorti, jiġifieri dik li tkun ħadet miżuri provviżorji sabiex tevita varjazzjonijiet fl-approċċ. Għalhekk, għandu jiġi evitat, permezz tar-regola ta' *lis alibi pendens*, li qorti ta' Stat Membru ieħor tista' tiddeċiedi fuq il-mertu meta qorti ta' Stat Membru li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu li tkun tressqet kawża quddiemha preċedentement tkun ħadet miżuri provviżorji.

118. Fir-rigward tal-kunċett ta' unità proċedurali hemm żewġ teoriji opposti: minn naħa, dik tal-Gvern Ċek, tal-Gvern Spanjol u tal-Gvern Franċiż, li jqisu li l-*lis alibi pendens* isseħħ minħabba fl-unità maħluqa mill-miżuri provviżorji u mill-mertu, u min-naħa l-oħra, l-argument tar-rikorrenti, tal-Gvern Ġermaniż u tal-Kummissjoni, li d-deċiżjoni li tordna miżuri provviżorji tikkostitwixxi entità separata mid-deċiżjoni fuq il-mertu, li ladarba tittieħed tagħlaq il-proċedura. Insostenn ta' din it-tieni teorija, li tiddevja mill-ġurisprudenza adottata fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell, tas-27 ta' Settembru 1968, huwa invokat l-interess taċ-ċertezza legali u ta' ħeffa, kif ukoll tar-rieda li tiġi pprivileġġjata l-qorti li hija ġeografikament eqreb lejn tal-wild.

119. Hekk kif ġie osservat mill-qorti tar-rinviju, jekk wieħed isegwi l-ewwel kunċett legali li "l-proċedura għal miżuri provviżorji, flimkien ma' rikors fuq il-mertu ippreżentat sussegwentement, jiffurmaw unità proċedurali waħda", "il-proċedura dwar id-dritt ta' kustodja li tirrigwarda iben il-partijiet, [M.], [hija] pendenti quddiem il-qorti Spanjola, fis-sens tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, mhux biss minn Jannar 2008 iżda diġà mit-28 ta' Ġunju 2007".

59 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Purrucker I iċċitata iktar 'il fuq (punt 131).

120. F'ċerti Stati Membri, ikun artifiċjali li wieħed jipprova li jaqsam id-deċiżjonijiet meħuda provviżorjament, qabel ma tingħata deċiżjoni minn qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu, minn dawk meħuda fl-aħħar, għaliex huma jikkostitwixxu l-istess kawża waħdanija, u dan sakemm kull aspett tal-kawża li din il-qorti għandha tiddeċiedi dwarhom ma jkunx ġie kompletament deċiż u għalhekk li l-ġurisdizzjoni tagħha ma tkunx ġiet eżawrita.

121. Madankollu, l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jagħmilx distinzjoni bejn tipi ta' deċiżjonijiet. Huwa japplika meta żewġ qrati jkollhom ġurisdizzjoni fuq il-mertu fl-istess ħin, bl-applikazzjoni tal-Artikoli 8 sa 14 tal-istess regolament, irrispettivament mill-għan tat-talba (miżuri provviżorji jew deċiżjoni finali) u jkun xi jkun it-tul tal-effetti tad-deċiżjoni mitluba (terminu definit jew indefinit) lil kull waħda minnhom. L-importanti huwa r-riskju li jeżisti, jiġifieri li jista' jkun hemm bħala segwitu għaż-żewġ proċeduri mibdija, deċiżjonijiet li huwa impossibbli li jiġu implimentati fl-istess ħin [60].

122. L-element ewlieni hija d-definizzjoni ta' "proċedimenti dwar l-istess minuri [suġġett] u li tinkludi l-istess kawża [bażi ġuridika]", fis-sens tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, sakemm din id-data hija evalwata fil-jum li fih kull qorti titressaq kawża quddiemha skont l-Artikolu 16 tal-istess regolament, irrispettivament mill-iżvilupp sussegwenti tal-proċedura. F'dan ir-rigward, jiena nfakkar li approssimazzjoni utli tista' ssir mad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet ekwivalenti tal-Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968 dwar l-*lis alibi pendens* u li eventwali partikolarijiet ta' regoli tal-proċedura ċivili applikabbli fl-Istati Membri kkonċernati, hawnhekk huma mingħajr rilevanza [61].

4. *Dwar l-implimentazzjoni prattika tar-regoli stabbiliti mir-Regolament Nru 2201/2003 fil-każ ta' lis alibi pendens*

123. Minħabba fid-diffikultajiet li nqalgħu f'din il-kawża mill-qorti tar-rinviju sabiex tikseb l-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' tevalwa jekk hemm jew jekk ma hemmx proċeduri kunfliġġenti pendenti fi Spanja, għandi l-ħsieb li nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra l-possibbiltà

60 — Pereżempju, f'dak li jikkonċerna ġenituri li jgħixu separatament, ir-residenza ta' wild li tkun ġiet ġuridikament iddeterminata li għandha tkun f'dar l-omm ma tistax tiġi stabbilita minn qorti oħra f'dar il-missier mingħajr dawn id-deċiżjonijiet ma jkunu inkonsistenti fil-prattika, anki jekk waħda minnhom ittieħdet biss bħala miżura provviżorja.

61 — B'analoġija, ara s-sentenza Tatry, iċċitata iktar 'il fuq (punti 39 *et seq*), fejn huwa ppreċiżat li "[f]is-sens tal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni, il-'bażi ġuridika' tinkludi l-fatti u r-regola ġuridika invokata bħala bażi għat-talba. [...] Fir-rigward tas-'suġġett' fis-sens tal-istess Artikolu 21, huwa jikkonsisti fl-għan tat-talba" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ara, ukoll, il-punt 19 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tesauro f'din il-kawża. Is-sentenza Gubisch Maschinenfabrik, iċċitata iktar 'il fuq (punti 14 *et seq*), iżżid li "anki jekk il-verżjoni Ġermaniża tal-Artikolu 21 ma tagħmilx distinzjoni espressa bejn il-kunċetti ta 'suġġett' u 'bażi ġuridika', din għandha tiftiehem fl-istess sens bħall-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra li jagħmlu din id-distinzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fis-sentenza tat-8 ta' Mejju 2003, Gantner Electronic (C-111/01, Ġabra p. I-4207), il-Qorti tippreċiża li "sabiex tevalwa jekk żewġ talbiet magħmula bejn l-istess partijiet quddiem qrati ta' Stati kontraenti differenti jkollhom l-istess suġġett, għandhom jiġu kkunsidrati biss it-talbiet tar-rikorrenti rispettivi, u jiġu esklużi d-difiżi mqajma mill-konvenut" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

li tistabbilixxi regola li tippermetti li jiġi rrimedjat sa fejn huwa possibbli l-problemi relatati mal-iskambju ta' informazzjoni proċedurali u normattivi bejn il-qrati tal-Istati Membri.

124. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003, peress li hija konxja mill-eżistenza ta' proċedura oħra fuq il-mertu, li tidher li hija pendenti, quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor [62], it-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha għandha tinforma ruħha dwar is-sitwazzjoni ta' din il-kawża, kif ukoll dwar il-portata, jiġifieri x'inhuma s-suġġett u l-bażi ġuridika tagħha. Il-passi li l-persuna kkonċernata għandha tieħu, fl-opinjoni tiegħi għandhom ikunu: li tfittex li tikkomunika mal-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha, mal-awtorità ċentrali tal-Istat Membru kkonċernat, u possibilment mal-maġistrat nazzjonali ta' kuntatt permezz tan-NĠE. Hija għandha wkoll tkun kapaċi tistrieħ fuq il-kooperazzjoni attiva tal-partijiet u partikolarment it-tneħħija tal-*lis alibi pendens*, sabiex tkun fornuta b'informazzjoni utli sabiex tistabbilixxi li l-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha tista' tagħti deċiżjoni inkonsistenti ma' dik li t-tieni qorti li tressqet l-kawża quddiemha hija mitluba li tieħu.

125. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tgħid li l-qrati nazzjonali, kif ukoll l-awtoritajiet ċentrali għandhom jikkoperaw billi jipprovdu l-informazzjoni kollha rilevanti dwar il-proċeduri pendenti quddiemhom lill-qrati ta' Stati Membri oħra li jitolbuhom f'dan is-sens, u dan fi żmien raġonevoli. Fil-fatt, sabiex ma jkunx hemm riskju ta' nuqqas ta' ġustizzja, it-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha għandha *ex officio* tissospendi l-proċeduri, iżda ma għandhiex għalfejn tistenna eċċessivament għall-informazzjoni meħtieġa sabiex tiddetermina jekk hemm jew jekk ma hemmx *lis alibi pendens*. Għalkemm l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jipprovdix terminu għar-risposta tal-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha, jidher li huwa neċessarju li jiġi ffissat perijodu limitu, fid-dawl tal-aħjar interessi tal-wild li deċiżjoni tittieħed malajr.

126. Insegwitu għal mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja matul is-seduta, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja invokat il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex tipproponi li jagħżlu terminu ta' sitt xhur. Fil-fehma tiegħi, ir-regola stabbilita fl-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 2201/2003, li tipprovdi għall-kontinwità tal-ġurisdizzjoni tar-residenza abitwali ta' qabel tal-wild għal perijodu ta' tliet xhur, tista' tintuża, b'analoġija, bħala punt ta' referenza għall-iffissar ta' terminu xieraq [63]. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li jekk l-informazzjoni mitluba ma tingħatax f'terminu ta' tliet xhur minn meta tirċievi t-talba mill-qorti jew mill-awtorità ċentrali kkonċernata, sakemm ma jkunx hemm ostakolu ta' forza maġġuri, it-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha tista' tkun awtorizzata tiddeduċi minn

62 — Jiena nippreċiża li jekk waħda mill-qrati kkonċernati mill-kunflitt ta' proċeduri tkun tinsab fi Stat terz, tali sitwazzjoni ma taqax taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003, iżda taħt regoli oħra ta' *lis alibi pendens* internazzjonali.

63 — Jiena nfakkar li terminu iqsar huwa ffissat fl-Artikolu 15(5) ta' dan ir-regolament li jipprovdi għal perijodu ta' sitt ġimgħat mid-data li fija titressaq kawża quddiema sabiex il-qrati jiddikjaraw lilhom infushom li għandhom ġurisdizzjoni, fil-każ ta' rinviju tal-kawża lil qorti ta' Stat Membru ieħor li jkun f'pożizzjoni aħjar sabiex jieħu deċiżjoni dwarha.

dan is-silenzju li ma hemm l-ebda rikors pendenti fl-istess ħin fl-Istat Membru l-ieħor, fis-sens tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 [64].

127. Hekk kif diġà semmejt, il-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti li tressqet il-kawża quddiemha għandha tiġi stabbilita minnha, mingħajr ma jkun possibbli verifika min-naħa tat-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha [65], kuntrarjament għal dak li jidher li qed titlob l-Oberlandesgericht Stuttgart fid-deċiżjoni tagħha tal-14 ta' Mejju 2009. It-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha ma tistax tivverifika l-adegwatezza tal-fatti mal-pożizzjoni meħuda dwar il-ġurisdizzjoni, għaliex din id-deċiżjoni hija valida fit-territorju ta' Stati Membri oħra, anki jekk il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tkun iddeċidiet biss b'mod provviżorju. Jiena naqbel mal-pożizzjoni tal-Gvern Ċek li tgħid li qorti l-iktar li tista' huwa li tagħmel verifika formali, jiġifieri li tidentifika l-bażi ġuridika li fuqha l-qorti l-oħra bbażat sabiex tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni [66]. Dan jirriżulta minn wieħed mill-prinċipji bażiċi tas-sistema introdotta bir-Regolament Nru 2201/2003, jiġifieri dik ta' fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri. Dan il-prinċipju huwa identifikat bħala l-pedament tal-ħolqien ta' żona ġuridika reali, hekk kif huwa enfasizzat mill-premessa 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 [67].

## C — *Fuq it-tieni u t-tielet domanda*

128. Skont it-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 dwar il-*lis alibi pendens* kinux ukoll maħsuba sabiex japplikaw meta deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' proċeduri għal miżuri provviżorji waħidhom fi Stat Membru ma huwiex suġġett għal rikonoxximent fi Stat Membru ieħor fis-sens tal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 2201/2003. Hija tispjega, fil-qosor, li l-fatt li deċiżjoni għal miżuri provviżorji tista' tkun rikonoxxuta taħt dan l-Artikolu, tista' tkun

64 — Il-kwistjoni indirizzata hawnhekk hija differenti minn dik imqajma fis-sentenza Gasser, iċċitata iktar 'il fuq, li tgħid li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni ta' Brussell [tas-27 ta' Settembru 1968] għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jistax ikun idderogat mid-dispożizzjonijiet tagħha, li b'mod ġenerali, it-tul tal-proċeduri quddiem il-qrati tal-Istat kontraenti li fih tinsab l-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha huwa eċċessivament twil" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (punt 73). Fil-fatt, minn naħa, l-approċċ li jiena nipproponi ma huwiex wieħed ġenerali, iżda wieħed każ b'każ, min-naħa loħra, dan bl-ebda mod ma jolqot il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, għaliex huwa biss fin-nuqqas ta' risposta tal-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha, li t-tieni qorti li tressqet il-kawża quddiemha tkun tista' tiddeċiedi, u fl-aħħar nett, huwa jfittex li jiżgura ċ-ċertezza legali għall-partijiet billi dawn jiġu ffissati f'terminu qasir dwar l-eżistenza jew le ta' *lis alibi pendens*.

65 — L-Avukat Ġenerali Kokott ukoll iddeċieda f'dan is-sens, fir-rigward tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 2201/2003, billi ppreċiża li "[l]-qorti li sussegwentement għall-ewwel qorti, titressaq il-kawża quddiemha ma tistax tkompli bil-proċeduri quddiemha peress, ngħidu aħna, tikkunsidra li l-ewwel qorti li quddiemha tkun tressqet il-kawża ma għandhiex ġurisdizzjoni" [punt 31 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Hadadi (sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, C-168/08, Ġabra p. I-6871)]. Fl-opinjoni tiegħi, l-obbligu li tissospendi l-proċeduri *ex officio*, iżda mhux li tirrifjuta l-ġurisdizzjoni tagħha stess *ab initio*, hija meħtieġa fiċ-ċirkustanzi kollha.

66 — Għandu jiġi mqabbel mal-punt 75 tas-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq. Fil-fatt, il-qorti li hija mitluba tirrifjuta l-ġurisdizzjoni tagħha ma għandhiex twettaq verifika tal-ġurisdizzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 2201/2003, billi ma għandhiex ġurisdizzjoni fir-rigward tad-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-qorti fi Stat Membru ieħor jekk din tkun saret u ġiet ippreżentata għall-infurzar.

67 — Ara s-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq (punti 71 *et seq*). F'dan ir-rigward, jiena nixtieq nikkummenta dwar l-obbligu għall-qrati tal-Istati Membri li espliċitament jiġġustifikaw il-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħhom fuq il-mertu, b'referenza għal wieħed mill-kriterji ta' ġurisdizzjoni taħt l-Artikoli 8 sa 14 ta' dan ir-regolament, li huma stabbiliti fil-punt 76 ta' din is-sentenza. Jiena nosserva li fil-prattika dan rarament ikunu magħmul *ex officio* mill-qorti għaliex ma jkunx hemm eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni mqajma mill-partijiet jew minħabba li l-fattur estraneju inkwistjoni ma kienx preżenti fil-mument fejn kien tressqet il-kawża quddiemha.

legalment rilevanti għall-ewwel domanda magħmula.

129. Fil-fatt, fis-sentenza Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja espliċitament iddeċidiet f'dan is-sens: "[i]d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 21 *et seq* tar-Regolament Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, ma japplikawx għal miżuri provviżorji, fil-qasam tad-dritt tal-kustodja, li jaqgħu taħt l-Artikolu 20 tal-imsemmi regolament" [68].

130. Fl-opinjoni tiegħi, huwa meħtieġ, hekk kif jiena indikajt fir-risposta għall-ewwel domanda, li ssir distinzjoni bejn miżuri provviżorji taħt l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, li ma jistgħux jiġu rrikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hawn fuq imsemmija, u l-miżuri provviżorji meħuda mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu taħt l-Artikoli 8 *et seq* ta' dan ir-regolament, li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 21 *et seq* tal-istess regolamenti u li għalhekk jistgħu jiġu rikonoxxuti u infurzati bħad-deċiżjonijiet kollha l-oħra meħuda minn qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu, u dan indipendentement mit-tip ta' talba. Fil-fatt, ma huwiex rilevanti jekk il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq il-mertu hijiex mitluba tagħti miżuri provviżorji jew jekk hija tagħti deċiżjoni finali. L-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 huwa intiż li japplika biss fir-rigward ta' din it-tieni kategorija ta' miżuri, b'mod konformi ma' dak li indikajt hawn fuq [69].

131. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk "[t]alba għal miżuri provviżorji li titressaq quddiem qorti ta' Stat Membru għandha tiġi ekwiparata ma' talba għal deċiżjoni fuq il-mertu fis-sens tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 meta d-dritt proċedurali nazzjonali ta' dan l-Istat jipprovdi li, sabiex jiġu evitati żvantaġġi tad-dritt proċedurali nazzjonali, għandha titressaq kawża quddiem l-imsemmija qorti, fi żmien determinat, sabiex tingħata deċiżjoni fuq il-mertu". Id-deċiżjoni tar-rinviju tippreċiża li hija "ntiża sabiex tistabbilixxi jekk, skont il-każ, huwa ġġustifikat li tagħmel trattament identiku ta' żewġ proċeduri permezz ta' raġunament analogu".

132. Fl-opinjoni tiegħi, ir-risposta għal din id-domanda wkoll hija irrilevanti, minħabba li r-risposta li jiena nipproponi li tingħata għall-ewwel domanda, fejn jirriżulta li r-regoli proċedurali speċifiċi fis-seħħ fi Stat Membru, f'dan il-każ fi Spanja kif oppost għas-sistema fil-Ġermanja [70], huma irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' *lis alibi pendens* fis-sens tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003.

68 — Dispożittiv tas-sentenza, iċċitata iktar 'il fuq. Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu tippreċiża li "[i]l-fatt li l-miżuri li jaqgħu taħt l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jibbenefikawx mis-sistema ta' rikonoxximent u ta' infurzar stabbiliti mill-imsemmi regolament ma jwaqqafx, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 176 tal-konklużjonijiet tiegħi, madankollu r-rikonoxximent u l-infurzar kollu ta' dawn il-miżuri. Fil-fatt, jistgħu jintużaw strumenti internazzjonali oħra u leġiżlazzjonijiet nazzjonali oħra, fl-osservanza tal-imsemmi regolament." (punt 92).

69 — F'dan l-istess sens, ara l-punt 169 tal-konklużjonijiet li l-Avukat Ġenerali Sharpston ippreżentat fil-kawża Purrucker I, iċċitata iktar 'il fuq: "[i]l-fatt minnu nnifsu li din taġixxi biss abbażi tal-Artikolu 20 jfisser li l-ġurisdizzjoni tagħha ma tistax tiġi stabbilita għall-iskopijiet tal-Artikolu 19, biex b'hekk il-proċedimenti quddiemha ma jaqgħux bidu għar-regoli dwar il-*lis [alibi] pendens*".

70 — Skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, skont id-dritt Ġermaniż, il-miżuri provviżorji huma permessi biss jekk tkun ġiet ippreżentata fil-kawża prinċipali, filwaqt li jidher li fid-dritt Spanjol, talba waħiedha għal miżuri provviżorji hija permessa.

## VII — Konklużjoni

133. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Amtsgericht Stuttgart kif ġej:

"Il-miżuri provviżjorji jew kawtelatorji dwar wild preżenti fit-territorju ta' Stat Membru meħuda minn qorti f'dan l-Istat li huma msemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, ma għandhomx effetti legali vinkolanti barra mit-territorju ta' dan l-Istat Membru u għalhekk ma humiex suxxettibbli li jkunu rikonoxxuti fi Stat Membru ieħor fis-sens tal-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament, lanqas ma joħolqu *lis alibi pendens* fis-sens tal-Artikolu 19(2) tal-istess regolament, li jorbot lill-qrati tal-Istati Membri l-oħra li tressqet kawża quddiemhom li tirrigwarda r-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward tal-istess wild.

Min-naħa l-oħra, proċedura pendenti quddiem qorti li tibbaża l-ġurisdizzjoni tagħha fuq kwalunkwe wieħed mill-Artikoli 8 sa 14 ta' dan l-istess regolament, li l-ewwel tressqet kawża quddiemha dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward ta' wild, hekk kif iddefinit mill-Artikoli 1(1) u (2), u 2(7) tal-imsemmi regolament, irrispettivament mill-klassifikazzjoni tal-proċedura skont ir-regoli nazzjonali fis-seħħ fl-Istati Membri kkonċernati u irrispettivament minn jekk il-miżura hija mitluba fuq bażi provviżorja, kemm jekk għal perjodu definit jew indefinit, timpedixxi qorti ta' Stat Membru milli tiddeċiedi dwar kawża li għandha l-istess suġġett u l-istess bażi ġuridika fir-rigward tal-istess wild, sakemm l-ewwel qorti li tkun tressqet il-kawża quddiemha tkun

stabbilixxiet il-ġurisdizzjoni tagħha jew li l-proċedura quddiemha tkun ntemmet għal kwalunkwe raġuni, inkluż negliġenza minn parti biex ittemm miżura proċedurali li hija meħtieġa sabiex l-ewwel qorti li tressqet il-kawża quddiemha tkun tista' tiddeċiedi fuq il-mertu b'mod konformi mal-liġi tal-Istat Membru ta' din l-aħħar qorti."